Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 43/2014

tal-20 ta' Jannar 2014

li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

(ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 315/2014 tal-24 ta' Marzu 2014	L 93	12	28.3.2014

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 43/2014

tal-20 ta' Jannar 2014

li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprovdi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jesiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli inklużi, fejn ikunu rilevanti, rapporti magħmula mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew għal kull attività tas-sajd u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(4) Il-qabda totali permessibbli (TACs) għandha tiġi stabbilita abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati.

([1]) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

▼B

(5) Għall-istokkijiet li huma soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, it-TACs għandhom jiġu ffissati skont ir-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Konsegwentement, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu, tal-lingwata fil-Kanal tal-Punent, tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, tal-aringa fil-Punent tal-Iskozja, tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fil-Punent tal-Iskozja, fil-Baħar Irlandiż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant u tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulatifir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 ([1]), (KE) Nru 509/2007 ([2]), (KE) Nru 676/2007 ([3]), (KE) Nru 1300/2008 ([4]), (KE) Nru 1342/2008 ([5]) (il-'Pjan tal-Bakkaljaw') u (KE) Nru 302/2009 ([6]).

Madankollu, fir-rigward tal-istokkjiet tal-merluzz tat-tramuntana (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 ([7])) u l-lingwata fil-Bajja ta' Biscay (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 ([8])), il-miri minimi tal-pjanijiet rilevanti ta' rkupru u ġestjoni ntlaħqu u għalhekk, huwa xieraq li jiġi segwit il-parir xjentifiku pprovdut sabiex jinkisbu u jinżammu t-TACs fil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli, skont kif ikun il-każ.

(6) Għal stokkijiet li għalihom m'hemmx biżżejjed data jew li d-data li hemm dwarhom mhijiex affidabbli sabiex jiġu pprovduti stimi tad-daqs tal-istokk, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TAC għandhom isegwu l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif definit fl-Artikolu (1)(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jqisu fatturi speċifiċi għall-istokk, inklużi, b'mod partikolari, informazzjoni disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokk u kunsiderazzjonijiet ta' sajd imħallat.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal- 20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi zgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tas-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1).

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6).

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

([6]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemeda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1).

([7]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1).

([8]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1).

▼B

(7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([1]), għandhom jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għad-diversi miżuri msemmija fih.

(8) Fejn TAC relatata ma' stokk tkun allokata lil Stat Membru wieħed biss, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa jistabbilixxi l-livell ta' dan it-TAC skont l-Artikolu 2(1) tat-Trattat. Għandhom isiru dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li, meta jkun qed jiffissa dak il-livell tat-TAC, l-Istat Membru kkonċernat jaġixxi b'mod li jkun totalment konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(9) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz tas-sajd permessi għall-2014 skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 509/2007, l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, u l-Artikoli 5 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009, filwaqt li jitqies ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 ([2]).

(10) Fid-dawl tal-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u skont l-impenji internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), huwa meħtieġ li l-isforz tas-sajd għal ċerti tipi ta' speċijiet tal-baħar fond ikun limitat.

(11) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn għandhom ikunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet.

(12) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa suġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([3]), u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jinħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar l-iżbark tal-istokkijiet li huma soġġetti għal dan ir-Regolament.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

▼B

(13) Għal ċerti TACs, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu allokazzjonijiet addizzjonali lill-bastimenti li jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ. L-għan ta' dawn il-provi huwa li jittestjaw sistema ta' qbid skont il-kwota, jiġifieri sistema fejn il-qabdiet kollha għandhom jiġu żbarkati l-art u jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti sabiex jiġi evitat l-iskartar tal-ħut u l-ħela ta' riżorsi tal-ħut li mill-bqija kienu jkunu jistgħu jintużaw. Skartar ta' ħut mhux ikkontrollat huwa ta' theddida għas-sostenibbiltà fit-tul tal-ħut bħala ġid pubbliku u b'hekk huwa ta' theddida għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. B'kuntrast ma' dan, is-sistemi ta' qbid skont il-kwota minnhom infushom jippreżentaw lis-sajjieda b'inċentiv biex jisfruttaw bl-aħjar mod is-selettività tal-qbid tal-operazzjonijiet tagħhom. Sabiex tintlaħaq ġestjoni razzjonalizzata tal-iskartar, is-sajd iddokumentat b'mod sħiħ għandu jkopri kull operazzjoni fuq il-baħar, minflok x'jinħatt fil-port. Il-kondizzjonijiet għall-Istati Membri biex jagħtu allokazzjonijiet addizzjonali bħal dawn għalhekk iridu jinkludu l-obbligu li jiżguraw l-użu ta' kameras tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) assoċjati ma' sistema ta' sensuri (imsejħa b'mod konġunt bħala 'sistema tas-CCTV'). Dan għandu jippermetti r-reġistrazzjoni, fid-dettall, tal-partijiet kollha tal-qabdiet, kemm dawk miżmuma, kif ukoll dawk skartati. Sistema bbażata fuq l-osservazzjoni umana, b'nies li jaħdmu f'ħin reali abbord il-bastiment, tkun anqas effiċjenti, tkun tiswa iżjed u tkun anqas affidabbli. Konsegwentement, l-użu ta' sistemi tas-CCTV, bħalissa, huwa prerekwiżit għas-suċċess ta' skemi ta' tnaqqis tal-iskartar tal-ħut bħas-sajd iddokumentat bis-sħiħ. Fl-użu tat-tali sistema, għandu jkunu hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(14) Sabiex ikun żgurat li l-provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ ikunu jistgħu jevalwaw b'mod effettiv il-potenzjal tas-sistemi ta' qbid skont il-kwota li jikkontrollaw b'mod assolut il-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati, jeħtieġ li l-ħut kollu li jinqabad f'dawk il-provi, inkluż dak taħt id-daqs minimu tal-iżbark, jingħadd u jitnaqqas mill-allokazzjoni totali assenjata lill-bastiment parteċipanti, u li l-operazzjonijiet tas-sajd jieqfu meta dik l-allokazzjoni totali tkun intużat kollha minn dak il-bastiment. Huwa wkoll xieraq li jiġu permessi t-trasferimenti tal-allokazzjonijiet bejn il-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ u dawk li ma jkunux qed jipparteċipaw fihom sakemm ikun jista' jintwera' li ma jiżdiedx l-iskartar minn bastimenti mhux parteċipanti.

(15) F'Novembru 2013, l-STECF ivvaluta b'mod pożittiv il-pjan ta' ġestjoni tar-rikostruzzjoni propost mill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali Pelaġiku (PELRAC) għall-istokk tal-aringi fl-ICES VIaS, VIIb u VIIc. Id-distribuzzjoni ta' dan l-istokk ta' aringi tikkoinċidi ma' dik tal-istokk ġar tiegħu mit-tramuntana f'żona

([1]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

▼B

ta' taħlit li tinsab bejn 56° N u 57° 30′ N fl-ICES VIa. Sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni korretta ta' dawn iż-żewġ stokkijiet fir-rigward tal-istat ta' konservazzjoni tagħhom u tiġi kkontrollata l-mortalità tas-sajd li jsofri kull wieħed minnhom, jinħtieġ li jiġu eskluži l-qabdiet kollha mittieħda miż-żona ta' taħlit.

(16) Huwa xieraq, abbażi tal-pariri tal-ICES, li tinżamm u tiġi riveduta sistema għall-ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES. Ladarba l-parir xjentifiku tal-ICES mistenni jkun disponibbli biss fi Frar 2014, huwa xieraq li t-TAC u l-kwoti jiġu stabbiliti proviżorjament għal żero sakemm jinħareġ dak il-parir.

(17) Ladarba m'hemm ebda evidenza xjentifika li ż-żoni tat-TAC għall-pollakkju jikkorrespondu għal stokkijiet bijoloġiċi distinti u d-distribuzzjoni ta' din l-ispeċi hi kontinwa mit-Tramuntana tal-Gżejjer Brittaniċi san-Nofsinhar tal-Peniżola Iberika, huwa xieraq, biex ikun iggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd, li tkun prevista l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn uħud minn dawk iż-żoni tat-TAC. Bl-istess mod, hu xieraq li jitħalla grad ta' arranġamenti ta' flessibbiltà ogħla bejn xi żoni ta' ġestjoni fir-rigward ta' ċerti stokkijiet li d-distribuzzjoni tagħhom tifrex fuq diversi żoni ta' ġestjoni u fejn huma kkonċernati l-istess stokkijiet bijoloġiċi.

(18) F'konformità mal-proċedura prevista fil-ftehimiet jew protokolli dwar relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja ([1]), il-Gżejjer Faeroer ([2]) u l-Islanda ([3]), l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd ma' dawk l-imsieħba. Il-konsultazzjonijiet man-Norveġja u l-Gżejjer Faeroer dwar l-arranġamenti għall-2014 għadhom ma ntemmux. Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni, filwaqt li tkun permessa l-flessibbiltà meħtieġa għall-konklużjoni ta' dawk l-arranġamenti kmieni fl-2014, huwa adatt li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet soġġetti għal dawk l-arranġamenti fuq bażi proviżorja. Ma kienx possibbli li jintemmu l-konsultazzjonijiet mal-Islanda dwar l-arranġamenti tas-sajd għall-2013. Skont il-proċedura prevista fil-ftehim u l-protojkoll dwar ir-relazzjonijiet rigward is-sajd mal-Groenlandja ([4]), il-Kumitat Konġunt stabilixxa l-livell konkret tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja fl-2014.

([1]) Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48)

([2]) Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Gżejjer Faroe fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

([3]) Ftehim dwar is-sajd u l-ambjent marittimu bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda (ĠU L 161, 02.07.1993, p. 2).

([4]) Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4), u l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribut finanzjarju previsti f'dak il-Ftehim (ĠU L 293, 23.10.2012, p. 5).

▼B

(19) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2013, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat estensjoni ta' sena għat-TAC u kwoti eżistenti għat-tonn, u kkonfermat it-TACs u l-kwoti għall-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku, il-pixxispad tan-Nofsinhar tal-Atlantiku u l-Alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku fil-livell attwali għall-perijodu 2014-2016. Konsegwentement, il-kwota tal-Unjoni għal dawn l-istokkijiet tibqa' l-istess bħal fl-2013. Minkejja li t-TAC għall-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku nżammet ukoll fil-livell attwali għall-perijodu 2014-2016, il-kwoti individwali tal-Partijiet Kontraenti, inkluża l-Unjoni, tnaqqsu kemxejn sabiex tingħata kwota lil Parti Kontraenti oħra. Dawn il-miżuri kollha għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(20) Konsegwentement għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea f'Lulju 2013, id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-Kroazja huma inklużi f'dan ir-Regolament.

(21) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2013, il-Partijiet għall-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR) adottaw limiti ta' qbid kemm għall-ispeċijiet fil-mira kif ukoll għal dawk maqbuda inċidentalment. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(22) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) adottat Riżoluzzjoni li timmira lejn il-protezzjoni tal-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku u applikabbli għall-bastimenti tas-sajd fir-Reġistru tal-Bastimenti Awtorizzati tal-IOTC billi pprojbiet, bħala miżura pilota interim, li tinżamm abbord, tiġi ttrasbordata, tiġi żbarkata jew tinħażen kwalunkwe parti tal-karkassa jew karkassa sħiħa tal-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku. Ir-riżoluzzjoni tipprovdi għal eċċezzjoni għas-sajd artiġanali, jiġifieri bastimenti tas-sajd li jiżvolġu operazzjonijiet tas-sajd fi ħdan iż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tal-Istat Membru li jtajru l-bandiera tiegħu.

(23) It-tieni Laqgħa Annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) ser issir mis-27 sal-31 ta' Jannar 2014. Sakemm issir din il-Laqgħa Annwali, huwa adatt li l-miżuri attwali jibqgħu fis-seħħ b'mod proviżorju, u li t-TAC għas-sawrell tat-tip jack mackerel fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO tiġi stabbilita b'mod proviżorju fl-istess livell bħal fl-2013.

(24) Matul l-84 Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC) żammet il-miżuri ta' konservazzjoni għat-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit. L-IATTC adottat ukoll riżoluzzjoni dwar il-konservazzjoni tal-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku. Dawk il-miżuri għandhom ikomplu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(25) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) adottat rakkomandazzjoni għal TACs ġodda darbtejn fis-sena għall-Patagonian toothfish u l-granċ aħmar tal-fond għall-2014 u l-2015, u t-TACs eżistenti għall-orange roughy u l-alfonsinos miftiehma għall-2013 u l-2014 fil-laqgħa annwali tagħha fl-2012 baqgħu fis-seħħ. Il-miżuri attwalment applikabbli dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd adottati mis-SEAFO għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

▼B

(26) L-għaxar Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) fl-2013 immodifikat il-miżuri tagħha dwar l-opportunitajiet ta' sajd billi ffissat ammont totali ta' ġranet ta' kemm jista' jsir sajd fl-ibħra miftuħa u billi adattat l-għeluq dwar is-sajd b'irkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD). Ir-reviżjoni tal-miżura tas-sajd FAD tirrikjedi li l-Unjoni bħala Parti Kontraenti għad-WCPFC tiddeċiedi dwar waħda minn żewġ għażliet disponibbli, li tikkonferma l-perijodu attwali tal-għeluq tas-sajd FAD jew li tagħżel li jitnaqqsu s-settijiet tal-FAD. Sakemm tittieħed tali deċiżjoni, l-għeluq applikabbli attwalment adottat mid-WCFPC għandu jibqa' jiġi implimentat fil-liġi tal-Unjoni.

(27) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering ċentrali ma mmodifikawx il-miżuri tagħha fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(28) Fil-35 Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta' opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet fis-subżoni 1-4 taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO. F'dak il-kuntest, in-NAFO adottat proċedura għal żieda għat-TAC għall-merluzz abjad fis-Subdiviżjoni 3NO tan-NAFO ffissat għall-2014, jekk jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet relatati mas-sitwazzjoni ta' dan l-istokk. Parti Kontraenti għan-NAFO tista' tinnotifika lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NAFO li ġew osservati qabdiet ogħla min-normal għal kull unità ta' sforz għall-istokk tal-merluzz abjad fis-Subdiviżjoni 3NO tan-NAFO. Jekk iż-żieda matul is-sena tat-TAC għall-2014 tiġi kkonfermata b'vot pożittiv fin-NAFO, din għandha tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni u l-kwoti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżdiedu.

(29) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew jirrestrinġu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni huma adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tas-sena u jsiru applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dawn il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni japplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, billi l-istaġun tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR jirrikorri mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u għalhekk ċerti opportunitajiet tas-sajd jew projbizzjonijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perijodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2013, huwa kunsiljabbli li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament japplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva se tkun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li l-membri tas-CCAMLR huma pprojbiti milli jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni CCAMLR mingħajr awtorizzazzjoni.

▼B

(30) Skont id-dikjarazzjoni tal-Unjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża ([1]), jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal snappers disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(31) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali biex jibbenefika mis-sistema ta' ġestjoni tal-allokazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd tiegħu skont sistema tal-kilowatt/jiem, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

(32) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-għoti ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd jew għat-titjib tal-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika kif ukoll mal-istabbiliment tal-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u t-trasmissjoni tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Dawk is-setgħat għandhom jiġueżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([2]).

(33) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2014, u dispożizzjonijiet speċifiċi f'reġjuni partikolari, li għandu jkollhom data speċifika ta' applikazzjoni. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(34) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet tal-ħut u grupp ta' stokkijiet tal-ħut.

([1]) ĠU L 6, 10.1.2012, p. 9.

([2]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼B

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) limiti tal-qbid għas-sena 2014 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2015;

(b) limiti tal-isforz tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015;

(c) opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR;

(d) opportunitajiet tas-sajd għall-perijodi stipulati fl-Artikolu 32 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għas-sena 2014 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2015.

3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi ukoll l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut soġġetti għall-arranġamenti bilaterali dwar is-sajd man-Norveġja u l-Gżejjer Faroe, sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar dawk l-arranġamenti għall-2014.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti li ġejjin:

(a) bastimenti tal-Unjoni;

(b) bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'bastiment tal-Unjoni' tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(b) 'bastiment ta' pajjiż terz' tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(c) 'ilmijiet tal-Unjoni' tfisser l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ħlief għall-ilmijiet li jmissu mal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej elenkati fl-Anness II tat-Trattat;

(d) 'ilmijiet internazzjonali' tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' ebda Stat;

(e) 'qabda totali permissibbli' (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tiġi żbarkata minn kull stokk ta' ħut kull sena;

(f) 'kwota' tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni Ewropea jew lil Stat Membru;

(g) 'valutazzjonijiet analitiċi' tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' data dwar il-bijoloġija u l-isfruttar tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat bħala data li hija ta' kwalità ta' livell tajjeb biżżejjed biex abbażi tagħha jiġu pprovduti l-pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri.

▼B

(h) 'daqs tal-malja' tfisser id-daqs tal-malja tax-xbieki tas-sajd kif stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 517/2008 ([1]);

(i) 'reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni' tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(j) 'ġurnal ta' abbord tas-sajd' tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 ([2]);

(b) 'Skagerrak' tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Svediża;

(c) 'Kattegat' tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Svediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre għal Gnibens Spids, minn Korshage għal Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved għal Kullen;

(d) 'Unità Funzjonali 16 tas-subżona VII tal-ICES' tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn linji ta' rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

— 53° 30′ N 15° 00′ W,

— 53° 30′ N 11° 00′ W,

— 51° 30′ N 11° 00′ W,

— 51° 30′ N 13° 00′ W,

— 51° 00′ N 13° 00′ W,

— 51° 00′ N 15° 00′ W,

— 53° 30′ N 15° 00′ W;

(e) 'Il-Golf ta' Cádiz' tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni IXa tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-longitudni 7° 23′ 48″ W;

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).

([2]) Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

▼B

(f) iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(g) iż-żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(h) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)' hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ([3]);

(i) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)' hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ([4]);

(j) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (Kummissjoni għall-Konvenzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku)' hija ż-żona ġeografika definita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 ([5]);

(k) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali)' hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita bil-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika ('il-Konvenzjoni ta' Antigwa') ([6]);

(l) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC (Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)' hija ż-żona ġeografika definita fil-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan ([7]);

(m) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)' tfisser iż-żona ta' ibħra miftuħa fin-Nofsinhar fi 10o N, fit-Tramuntana taż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA kif definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan ([8]), u fil-Punent taż-żoni tal-ġurisdizzjonijiet tas-sajd tal-Istati tal-Amerika t'Isfel;

([1]) Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

([3]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

([4]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

([6]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

([7]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

([8]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

▼B

(n) Iż-'Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali)' hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([1]);

(o) 'ibħra miftuħa tal-Baħar Bering' hija ż-żona ġeografika tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering.

(p) 'żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC' hija ż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:

— il-longitudni 150° W,

— il-longitudni 150° W,

— il-latitudni 4° S,

— il-latitudni 50° S.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

TACs u allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta' TACs bħal dawn fost l-Istati Membri u l-kondizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn hu xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni huma awtorizzati li jwettqu qabdiet, skont it-TACs stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġetti għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u l-Anness III tiegħu u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([2]) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. Għall-finijiet tal-kondizzjoni speċjali stipulata fl-Anness IA għall-istokk taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIa u IV tal-ICES, għandhom japplikaw iż-żoni ta' ġestjoni definiti fl-Anness IID.

([1]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

▼B

Artikolu 6

TACs li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta' ħut għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. It-TACs li għandhom jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttar sostenibbli tal-istokk; u

(b) jirriżultaw:

(i) jekk ikunu disponibbli valutazzjonijiet analitiċi, fl-isfruttar tal-istokk konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli mill-2015 'il quddiem, bi probabbiltà kemm jista' jkun għolja;

(ii) jekk il-valutazzjonijiet analitiċi ma jkunux disponibbli jew ma jkunux kompleti, fl-isfruttar tal-istokk b'mod konsistenti mal-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu 2014, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs adottati;

(b) id-data miġbura u vvalutata mill-Istat Membru kkonċernat, li fuqha huma bbażati t-TACs adottati;

(c) dettalji dwar kif it-TACs adottati huma konformi mal-paragrafu 2.

Artikolu 7

Kondizzjonijiet għall-iżbark tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

Il-ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs għandu jinżamm abbord jew jiġi żbarkat biss jekk:

(a) il-qabdiet ikunu saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li għandu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) il-qabdiet jikkonsistu f'sehem minn kwota tal-Unjoni li ma ġietx allokata permezz ta' kwota fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-Unjoni ma tkunx ġiet eżawrita.

Artikolu 8

Limiti tal-isforz tas-sajd

Mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015, il-miżuri tal-isforz tas-sajd li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) l-Anness IIA għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet tal-bakkaljaw, tal-lingwata u tal-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat, fi Skagerrak u dik il-parti taż-żona tad-diviżjoni IIIa tal-ICES mhux koperta minn Skagerrak u l-Kattegat, is-subżona IV tal-ICES, u s-subdiviżjonijiet VIa, VIIa u VIId tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u Vb tal-ICES;

(b) l-Anness IIB għall-irkupru tal-merluzz u tal-iskampu fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cádiz;

(c) l-Anness IIC għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni VIIe tal-ICES.

▼B

Artikolu 9

Limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-baħar fond

1. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ([1]) li jistabbilixxi r-rekwiżit li wieħed ikollu permess tas-sajd tal-baħar fond għandu japplika għall-ħalibatt tal-Groenlandja. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-iżbark tal-ħalibatt tal-Groenlandja għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-2014 il-livelli tal-isforz tas-sajd, imkejla bħala jiem kilowatt barra mill-port, minn bastimenti detenturi ta' permessi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ma jaqbżux il-65 % tal-medja tal-isforz tas-sajd annwali magħmul mill-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat fl-2003 fi vjaġġi meta kien hemm il-permessi tas-sajd tal-baħar fond jew inqabdu speċijiet tal-baħar fond, kif elenkat fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal vjaġġi tas-sajd li fihom inqabdu aktar minn 100 kg ta' speċijiet tal-baħar fond, minbarra l-arġentina silus.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) skambji magħmula f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

(d) żbark addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) il-kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(f) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC ta' prekawzjoni u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6).

▼B

Artikolu 11

Staġuni magħluqin għas-sajd

1. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal kwalunkwe speċi minn dawn li ġejjin fil-Porcupine Bank jew li kwalunkwe speċi minnhom tinżamm abbord f'din iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2014: il-bakkaljaw, il-megrim, il-petriċa, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-merluzz, l-skampu, il-barbun tat-tbajja', il-pollakkju, il-pollakkju iswed, ir-rebekkini u r-raj, il-lingwata komuni, it-tusk, il-linarda, il-lipp u l-mazzola griża.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona ġeografika kkonfinata mil-linji ta' rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

Punt	Latitudni	Longitudni
1	52° 27′ N	12° 19′ W
2	52° 40′ N	12° 30′ W
3	52° 47′ N	12° 39,600′ W
4	52° 47′ N	12° 56′ W
5	52° 13,5′ N	13° 53,830′ W
6	51° 22′ N	14° 24′ W
7	51° 22′ N	14° 03′ W
8	52° 10′ N	13° 25′ W
9	52° 32′ N	13° 07,500′ W
10	52° 43′ N	12° 55′ W
11	52° 43′ N	12° 43′ W
12	52° 38,800′ N	12° 37′ W
13	52° 27′ N	12° 23′ W
14	52° 27′ N	12° 19′ W

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tranżitu mill-Porcupine Bank, filwaqt li jkunu qed jinġarru abbord l-ispeċijiet imsemmijin f'dak il-paragrafu għandu jkun permess skont l-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji anqas minn 16 mm, għandu jkun ipprojbit fid-diviżjonijiet IIa, IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2014 u mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-projbizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika wkoll għal bastimenti ta' pajjiż terzi awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżona IV tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

▼B

Artikolu 12

Projbizzjonijiet

1. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrasbordawhom jew jiżbarkawhom:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha;

(b) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha, għajr fejn hu previst mod ieħor fl-Anness IA;

(c) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(d) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(e) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, IX u X tal-ICES u l-ħamiema (*Raja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(f) il-guitarfish (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES;

(g) ir-raja manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

Artikolu 13

Trasmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar l-iżbark ta' kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet mogħtija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Allokazzjoni addizzjonali għall-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ

Artikolu 14

Allokazzjonijiet addizzjonali

1. Għal ċerti stokkijiet, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. L-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex teċċedi l-limitu ġenerali stipulat fl-Anness I bħala perċentwal tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru.

▼B

Artikolu 15

Kondizzjonijiet għall-allokazzjonijiet addizzjonali

1. L-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 14 għandha tkun konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bastiment jagħmel użu minn kameras tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) assoċjati ma' sistema ta' sensuri (imsejħa flimkien bħala s-"sistema tas-CCTV") biex jirreġistra l-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar abbord;

(b) l-allokazzjoni addizzjonali mogħtija lil bastiment individwali li jipparteċipa fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ ma għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

(i) 75 % tal-ammont ta' ħut skartat tal-istokk, kif stmat mill-Istat Membru rilevanti, prodott mit-tip ta' bastiment li għalih jappartjeni l-bastiment individwali li jkun ingħata l-allokazzjoni addizzjonali.

(ii) 30 % tal-allokazzjoni individwali tal-bastiment qabel ma beda jipparteċipa fil-provi.

(c) il-qabdiet kollha tal-istokk soġġetti għall-allokazzjoni addizzjonali mill-bastiment, inkluż il-ħut li jkun iżgħar mid-daqs minimu tal-iżbark kif iddefinit fl-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 850/98 ([1]), għandhom jingħaddu u jitnaqqsu mill-allokazzjoni individwali tal-bastiment, kif tirriżulta minn kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali mogħtija skont l-Artikolu 14.

(d) hekk kif bastiment ikun uża l-allokazzjoni individwali kollha għal kwalunkwe stokk soġġett għall-allokazzjoni addizzjonali, dak il-bastiment irid iwaqqaf l-attivitajiet kollha tas-sajd fiż-żona tat-TAC rilevanti.

(e) fir-rigward tal-istokkijiet li għalihom jista' jintuża dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu trasferimenti tal-allokazzjoni individwali jew ta' kwalunkwe parti minnha minn bastimenti li ma jkunux qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ għal bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw f'dawk il-provi dment li jkun jista' jintwera li ma jiżdiedx l-iskartar minn bastimenti li ma jkunux qed jipparteċipaw.

2. Minkejja l-paragrafu 1(b)(i), Stat Membru jista', b'mod eċċezzjonali, jagħti allokazzjoni addizzjonali lil bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu ta' aktar minn 75 % tal-istima tal-ħut skartat tal-istokk prodott mit-tip ta' bastiment li għalih jappartjeni l-bastiment individwali li jkun ingħata l-allokazzjoni addizzjonali, sakemm:

(a) ir-rata tal-iskartar tal-istokk, kif stmata għat-tip ta' bastiment rilevanti, tkun ta' inqas minn 10 %;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

▼B

(b) l-inklużjoni ta' dak it-tip ta' bastiment tkun importanti biex jiġi evalwat il-potenzjal tas-sistema tas-CCTV għall-finijiet ta' kontroll;

(c) ma jinqabiżx limitu totali ta' 75 % tal-istima tal-iskartar tal-istokk prodott mill-bastimenti kollha li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi.

3. Qabel ma jagħti l-allokazzjonijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 14, Stat Membru għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) il-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir għall-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod installat abbord dawk il-bastimenti;

(c) il-kapaċità, it-tip u l-ispeċifikazzjoni tal-irkapti użati minn dawk il-bastimenti;

(d) l-istimi tal-ħut skartat għal kull tip ta' bastiment li jkun qed jipparteċipa fil-provi;

(e) l-ammont ta' qabdiet tal-istokk soġġett għat-TAC rilevanti li l-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi kellhom fl-2013.

Artikolu 16

Proċessar ta' informazzjoni personali

Sal-punt li r-reġistrazzjonijiet miksuba skont l-Artikolu 15(1)(a) jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali skont it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE, dik id-Direttiva għandha tapplika għall-ipproċessar ta' data bħal din.

Artikolu 17

Irtirar ta' allokazzjonijiet addizzjonali

Fejn Stat Membru jinnota li bastiment li jkun qed jipparteċipa fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ jonqos milli jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15, huwa għandu jirtira minnufih l-allokazzjoni addizzjonali mogħtija lil dak il-bastiment u jeskludih milli jipparteċipa f'dawk il-provi għall-bqija tal-2014.

Artikolu 18

Analiżi xjentifika tal-valutazzjonijiet tal-iskartar

Il-Kummissjoni tista' titlob lil kwalunkwe Stat Membru li jagħmel użu minn dan il-Kapitlu biex jippreżenta l-valutazzjoni tiegħu tal-ħut skartat prodott għal kull tip ta' bastiment lil korp xjentifiku konsultattiv għall-analiżi, sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 15(1)(b)(i). Fin-nuqqas ta' valutazzjoni li tikkonferma t-tali ħut skartat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu kull miżura xierqa biex jiżgura l-konformità ma' dak ir-rekwiżit u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

▼B

KAPITOLU III

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Artikolu 19

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru jittrasferixxi l-kwota tiegħu lil Stat Membru ieħor ('tpartit') fiż-żoni ta' sajd stipulati fl-Anness III, abbażi tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u dan għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona ta' sajd, kif stipulat fl-Anness III, ma għandux jinqabeż.

KAPITOLU IV

Opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Artikolu 20

Trasferimenti u l-iskambji tal-kwota

1. Meta, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMO"), ikunu permessi trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għall-RFMO, Stat Membru ('l-Istat Membru kkonċernat') jista′ jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għall-RFMO u, kif xieraq, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maħsub.

2. Malli l-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista′ tapprova d-deskrizzjoni tat-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maħsub li l-Istat Membru jkun iddiskuta mal-Parti Kontraenti rilevanti tal-RFMO. Hekk kif isir dan, il-Kummissjoni għandha tiskambja, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tintrabat b'tali trasferimenti jew skambji tal-kwota mal-Parti Kontraenti rilevanti tal-RFMO. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinnotifika t-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maqbul lis-segretarjat tal-RFMO f'konformità mar-regoli ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bit-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maqbul.

4. L-opportunitajiet tas-sajd riċevuti mingħand jew trasferiti lill-Parti Kontraenti rilevanti tal-RFMO skont it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti allokati lil jew imnaqqsa mill-allokazzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat, mill-waqt li jseħħ it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti f'konformità mat-termini tal-ftehim maqbul mal-Parti Kontraenti rilevanti tal-RFMO, jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO, kif xieraq. Din l-allokazzjoni ma għandhiex tibdel il-formola ta' distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

▼B

Taqsima 1

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT

Artikolu 21

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, tal-kultivazzjoni u tat-tismin tat-tonn

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tal-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn 8 kg/75 ċm u 30 kg/115 ċm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

2. L-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni tas-sajd kostali artiġjanali awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn 8 kg/75 ċm u 30 kg/115 ċm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' kultivazzjoni, awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115 cm għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għal, iżommu abbord, jittrasbordaw, jittrasportaw, jew jiżbarkaw tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tal-kultivazzjoni tat-tonn, il-kapaċità tat-tismin u l-kontribut massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ allokat għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

Artikolu 22

Sajd rikreattiv u sportiv

L-Istati Membri għandhom jallokaw kwota speċifika tat-tonn għas-sajd rikreattiv u sportiv mill-kwoti tagħhom allokati fl-Anness ID.

Artikolu 23

Klieb il-baħar

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasbord jew l-iżbark ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) minn kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal speċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

▼B

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasbord jew l-iżbark ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' kurazzi komuni tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief għas-*Sphyrna tiburo*) b'assoċjazzjoni mal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasbord jew l-iżbark ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda f'kull attività ta' sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' tawru seta (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda f'kull attività ta' sajd.

Taqsima 2

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR

Artikolu 24

Projbizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-qbid

1. Is-sajd dirett għall-ispeċijiet imsemmija fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perijodi stipulati hemmhekk.

2. Għas-sajd esploratorju, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali stipulati fil-Parti B tal-Anness V għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija hemmhekk.

Artikolu 25

Sajd esploratorju

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni tas-CCAMLR li jistgħu jipparteċipaw f'sajd esploratorju bil-konzijiet għad-Dissostichus spp. fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a barra miż-żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali fl-2014. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jipparteċipa f'sajd bħal dan, għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont l-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014.

2. Fir-rigward tas-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll tad-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali għal kull subżona u diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom f'Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom, għandhom ikunu kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kbira kemm jista′ jkun sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat il-potenzjal tas-sajd u sabiex tiġi evitata l-konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 m.

▼B

Artikolu 26

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2014/2015

1. Dawk l-Istati Membri biss li huma Membri tal-Kummissjoni tas-CCAMLR jistgħu jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR matul l-istaġun tas-sajd 2014/2015. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, huwa għandu jinnotifika, mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014, lis-Segretarjat tas-CCAMLR, skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, u lill-Kummissjoni, bl-użu tal-format stipulat fil-Parti C tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. Stat Membru li għandu l-intenzjoni jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan fil-każ biss tal-bastimenti awtorizzati li fil-mument tan-notifika jtajru l-bandiera tiegħu jew dawk li jtajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR li fiż-żmien meta jsir is-sajd mistennija li jkunu jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw il-parteċipazzjoni f'sajd għall-krill minn bastimenti barra minn dawk innotifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ma jkunx jista' jipparteċipa minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew minħabba force majeure. F'ċirkostanzi bħal dawk l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) maħsub(a) li se jissostitwixxi/u, inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' appoġġ.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastimenti elenkati fi kwalunkwe waħda mil-Listi ta' Bastimenti ta' Sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) tas-CCAMLR sabiex jipparteċipaw fis-sajd għall-krill.

Taqsima 3

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

Artikolu 27

Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u l-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC, u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

▼B

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid bastimenti assenjati għal wieħed miż-żewġ attivitajiet ta' sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jistgħu juru lill-Kummissjoni li din l-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment propost ta' kapaċità għall-flotta tagħhom, il-bastimenti li jkunu se jiġu trasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' organizzazzjonijiet reġjonali oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit ebda bastiment li jinsab fuq il-lista ta' bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU (bastimenti IUU) ta' xi RFMO.

5. Sabiex titqies l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp ippreżentati lill-IOTC, l-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-limiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ħlief fil-limiti stipulati f'dawk il-pjanijiet.

Artikolu 28

Klieb il-baħar

1. Iż-żamma abbord, it-trasbord jew l-iżbark ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività ta' sajd għandhom ikunu pprojbiti.

2. Iż-żamma abbord, it-trasbord jew l-iżbark ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) f'kull tip ta' sajd għandu jkun ipprojbit, ħlief għall-bastimenti b'anqas minn 24 metru tul impenjati biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' Stat Membru huma jtajru l-bandiera tagħhom, u sakemm il-qabda tagħhom tkun destinata biss għall-konsum lokali.

3. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

Taqsima 4

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO

Artikolu 29

Sajd għal ħut pelaġiku – il-limitazzjoni tal-kapaċità

L-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd għal ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2014 għal-livell totali tal-Unjoni Ewropea ta' 78 600 tunnellaġġ gross f'dik iż-żona.

▼B

Artikolu 30

Sajd għal ħut pelaġiku – it-TACs

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw attivitajiet tas-sajd b'mod attiv għal ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009, kif speċifikat fl-Artikolu 29, li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona skont it-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Anness IJ jistgħu jinqabdu biss bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti li stadu attivament jew kienu involuti fit-trasbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, fejn disponibbli, id-daħliet fil-portijiet mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tikkomunikahom lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Artikolu 31

Sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri b'rekords fil-passat ta' sforz jew qbid f'attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jillimitaw l-isforz jew il-qbid tagħhom:

(a) għal-livell medju ta' parametri tal-qbid jew tal-isforz matul dak il-perijodu; u

(b) għal dawk il-partijiet biss taż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fejn seħħew attivitajiet ta' sajd tal-qiegħ fi kwalunkwe staġun tas-sajd preċedenti.

Taqsima 5

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC

Artikolu 32

Sajd bil-purse-seine

1. Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) għandu jkun ipprojbit:

(a) mid-29 ta' Lulju sat-28 ta' Settembru 2014 jew mit-18 ta' Novembru 2014 sat-18 ta' Jannar 2015 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

— il-linji tal-kosta tal-Paċifiku tal-Ameriki,

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S;

▼B

(b) mid-29 ta' Settembru sad-29 ta' Ottubru 2014 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-perijodu ta' għeluq magħżul imsemmi fil-paragrafu 1 qabel l-1 ta' April 2014. Il-bastimenti bil-purse seine kollha tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bil-purse seine fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 tul il-perijodu magħżul.

3. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jistadu għat-tonn fiż-Żona ta' Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jiżbarkaw jew jittrasbordaw it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit kollu maqbud.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut ma jitqiesx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal kwalunkwe raġuni għajr dik ta' daqs; jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed fejn jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

5. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trasbord, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew l-iżbark ta' parti minn karkassa jew il-karkassa kollha tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi f'dik iż-żona.

6. Meta tinqabad b'mod aċċidentali, l-ispeċi msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhiex issirilha ħsara. L-eżemplari maqbuda għandhom jinħelsu minnufih mill-operaturi tal-bastiment, li għandhom ukoll:

(a) jirreġistraw l-għadd ta' rilaxxi b'indikazzjoni tal-istatus tal-ħuta (mejta jew ħajja);

(b) jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2014.

Taqsima 6

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO

Artikolu 33

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-baħar fond

Is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għandu jkun ipprojbit:

— rebekkini (*Rajidae*),

— mazzola griża (*Squalus acanthias*),

— mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus pusillus*),

— mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*),

▼B

— mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*),

— mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*),

— gattarell fantażma (*Apristurus manis*),

— kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*),

— klieb il-baħar tal-fond tas-superordni *Selachimorpha*.

Taqsima 7

Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Artikolu 34

Kondizzjonijiet għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra, il-palamit u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-numru ta' ġranet ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għat-tonn għajnu kbira (Thunnus obesus), it-tonna safra (Thunnus albacares), u l-palamit (Katsuwonus pelamis) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fl-ibħra internazzjonali u li jinsabu bejn 20° N u 20° S ma jkunx iżjed minn 403 ġranet.

2. Il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (Thunnus alalunga) fil-mira fiż-żona tal-Konvenzjoni WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S.

Artikolu 35

Żona magħluqa għas-sajd FAD

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jużaw l-apparat ta' aggregazzjoni tal-ħut (FADs) għandhom ikunu pprojibiti bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2014 u 24:00 tal-31 ta' Ottubru 2014. Matul dan il-perijodu, bastiment tas-sajd bil-purse seine ma jistax ikun involut f'operazzjonijiet tas-sajd f'dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC ħlief jekk ikollu abbord osservatur sabiex jissorvelja li l-bastiment f'ebda ħin ma:

(a) juża jew iħaddem apparat tal-FAD jew apparat elettroniku assoċjat;

(b) jistad fuq ġlejjeb ta' ħut b'assoċjazzjoni mal-FADs.

2. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine kollha li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord u jiżbarkaw jew jittrasbordaw it-tonn għajnu kbira, it-tonna safra u l-palamit maqbud kollu.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju biżżejjed sabiex joqgħod il-ħut kollu;

(b) meta l-ħut ma jitqiesx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal kwalunkwe raġuni għajr dawk ta' daqs; jew

(c) meta sseħħ ħsara serja fl-apparat tal-friża.

▼B

Artikolu 36

Żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC

1. Il-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tad-WCPFC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 34 sa 37 meta jkunu qed jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fl-Artikolu 4(p).

2. Il-bastimenti elenkati kemm fir-reġistru tad-WCPFC kif ukoll fir-reġistru tal-IATTC u l-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 32(1)(a) u (2) sa (6) meta jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fl-Artikolu 4(p).

Artikolu 37

Limitazzjonijiet fl-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad

L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofisnhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif indikat fl-Anness VII.

Taqsima 8

Il-Baħar Bering

Artikolu 38

Projbizzjoni fuq is-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering

Is-sajd għall-pollakkju (*Theragra chalcogramma*) fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering għandu jkun ipprojbit.

TITOLU III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Artikolu 39

TACs

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu qabdiet fl-ilmijiet tal-Unjoni, fil-limiti tat-TACs stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u soġġett għall-kondizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

Artikolu 40

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni huwa stipulat fl-Anness VIII.

2. Ħut minn stokkijiet li għalihom hemm TACs stabbiliti ma għandux jinżamm abbord jew jiġi żbarkat ħlief jekk il-qabdiet ikunu ttieħdu minn bastimenti ta' pajjiż terz li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

▼B

Artikolu 41

Projbizzjonijiet

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, milli jżommuhom abbord, milli jittrasbordawhom jew milli jiżbarkawhom:

(a) il-gabdoll (Cetorhinus maximus) u l-kelb il-baħar abjad (Carcharodon carcharias) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(b) l-ixkatlu komuni (Squatina squatina) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(c) ir-rebekkin skur (Diptrus batis) kumpless (Dipturus cf. flossada u Dipturus cf. intermedia) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(d) ir-raja ondjata (Raja undulata) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, IX u X tal-ICES u l-ħamiema (Raja alba) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(e) il-pixxiplamtu (Lamna nasus) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(f) il-guitarfish (Rhinobatidae) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES;

(g) ir-raja manta ġiganta (Manta birostris) fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn ma jsir ebda riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 43

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Madankollu, l-Artikolu 8 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2014.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikoli 24, 25 u 26 u l-Annessi IE u V għaż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandhom japplikaw mid-dati speċifikati fihom.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TAL-ANNESSI

ANNESS I:	It-TACs applikabbli għall-bastimenti tal-Unjoni f'żoni fejn jeżistu t-TACs skont l-ispeċi u ż-żona
ANNESS IA:	Skagerrak, Kattegat, is-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tal-ICES, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF u l-ilmijiet tal-Gujana Franċiża
ANNESS IB:	Il-Grigal tal-Atlantiku u l-Groenlandja, is-subżoni I, II, V, XII u XIV tal-ICES u l-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 1
ANNESS IC:	Il-Majjistral tal-Atlantiku – iż-żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO
ANNESS ID:	Il-ħut li jpassi ħafna – iż-żoni kollha
ANNESS IE:	L-Antartiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR
ANNESS IF:	Ix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO
ANNESS IG:	It-tonn tan-Nofsinhar – iż-żoni kollha
ANNESS IH:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC
ANNESS IJ:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO
ANNESS IIA:	L-isforz tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet tal-bakkaljaw, il-barbun tat-tbajja' u l-lingwata fid-diviżjonijiet IIIa, VIa, VIIa, VIId tal-ICES, fis-subżona IV tal-ICES, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u Vb tal-ICES
ANNESS IIB:	L-isforz tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-irkupru ta' ċerti stokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, għajr għall-Golf ta' Cádiz
ANNESS IIC:	L-isforz tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-lingwata tal-Kanal tal-Punent fid-diviżjoni VIIe tal-ICES
ANNESS IID:	Iż-żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet IIa, IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES
ANNESS III:	L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi
L-ANNESS IV:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT
ANNESS V:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR
ANNESS VI:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC
ANNESS VII:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC
ANNESS VIII:	Il-limitazzjonijiet kwantitattivi tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni

▼B

ANNESS I

IT-TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI F'ŻONI FEJN JEŻISTU T-TACs SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA

It-tabelli fl-Annessi IA, IB, IC, ID, IE, IF, IG u IJ jistipulaw it-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, għajr fejn ikun speċifikat mod ieħor) skont l-istokk, u l-kondizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali magħhom, fejn dan ikun xieraq.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stipulati f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. F'kull żona, l-istokkijiet tal-ħut huma msemmija fl-ordni alfabetika tal-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin. L-ismijiet bil-Latin biss jidentifikaw l-ispeċi għal skopijiet regolatorji; l-ismijiet vernikulari huma maħsubin biex tiġi ffaċilitata r-referenza.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament qed tingħata t-tabella li ġejja ta' korrispondenzi ta' ismijiet bil-Latin u ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi Alpha-3	Isem komuni
Amblyraja radiata	RJR	Raja tal-kwiekeb
Ammodytes spp.	SAN	Ċiċċirell
Argentina silus	ARU	Arġentina silus
Beryx spp.	ALF	Alfonsinos
Brosme brosme	USK	Tusk
Caproidae	BOR	Minfaħ
Centrophorus squamosus	GUQ	Leafscale gulper shark
Centroscymnus coelolepis	CYO	Mazzola Portugiża
Chaceon spp.	GER	Granċ aħmar tal-fond
Chaenocephalus aceratus	SSI	Ħuta tas-silġ (pinen suwed)
Champsocephalus gunnari	ANI	Ħuta tas-silg tal-Antartiku
Channichthys rhinoceratus	LIC	Ħuta tas-silġ Unicorn
Chionoecetes spp.	PCR	Snow crab
Clupea harengus	HER	Aringa
Coryphaenoides rupestris	RNG	Roundnose grenadier
Dalatias licha	SCK	Murruna sewda
Deania calcea	DCA	Mazzola munqar l-għasfur
Dipturus batis (Dipturus cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia)*	RJB	Rebekkin skur kumpless
Dissostichus eleginoides	TOP	Patagonian toothfish
Dissostichus mawsoni	TOA	Antarctic toothfish
Dissostichus spp.	TOT	Toothfish
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova
Etmopterus princeps	ETR	Mazzola tal-fanal maġġuri
Etmopterus pusillus	ETP	Mazzola tal-fanal minuri
Euphausia superba	KRI	Krill

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi Alpha-3	Isem komuni
Gadus morhua	COD	Bakkaljaw
Galeorhinus galeus	GAG	Kelb il-baħar
Glyptocephalus cynoglossus	WIT	Barbun ilsien il-kelb
Gobionotothen gibberifrons	NOG	Humped rockcod
Hippoglossoides platessoides	PLA	Barbun tat-tbajja' Amerikan
Hippoglossus hippoglossus	HAL	Ħalibatt tal-Atlantiku
Hoplostethus atlanticus	ORY	Mera tal-Atlantiku
Illex illecebrosus	SQI	Klamar tal-pinen qosra
Lamna nasus	POR	Pixxiplamtu
Lepidonotothen squamifrons	NOS	Grey rockcod
Lepidorhombus spp.	LEZ	Megrim
Leucoraja naevus	RJN	Raja kukù
Limanda ferruginea	YEL	Barbun denbu isfar
Limanda limanda	DAB	Barbun komuni
Lophiidae	ANF	Petriċa
Macrourus spp.	GRV	Grenadieri
Makaira nigricans	BUM	Marlin blu
Mallotus villosus	CAP	Kapelin
Manta birostris	RMB	Raja manta ġiganta
Martialia hyadesi	SQS	Klamari
Melanogrammus aeglefinus	HAD	Merluzz tal-linja sewda
Merlangius merlangus	WHG	Merlangu
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Micromesistius poutassou	WHB	Stokkafixx
Microstomus kitt	LEM	Lingwata ta' ħalq żgħir
Molva dypterygia	BLI	Linarda
Molva molva	LIN	Lipp
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Notothenia rossii	NOR	Marbled rockcod
Pandalus borealis	PRA	Gamblu tat-Tramuntana
Paralomis spp.	PAI	Granċi
Penaeus spp.	PEN	Gambli 'Penaeus'
Platichthys flesus	FLE	Barbun
Pleuronectes platessa	PLE	Barbun tat-tbajja’
Pleuronectiformes	FLX	Pixxiċatt
Pollachius pollachius	POL	Pollakkju
Pollachius virens	POK	Pollakkju iswed
Psetta maxima	TUR	Barbun imperjali
Pseudochaenichthys georgianus	SGI	Ħuta tas-silġ ta' South Georgia

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi Alpha-3	Isem komuni
Raja alba	RJA	Ħamiema
Raja brachyura	RJH	Raja batra
Raja circularis	RJI	Raja rotonda
Raja clavata	RJC	Raja tal-fosos
Raja fullonica	RJF	Raja petruża
Raja (Dipturus) nidarosiensis	JAD	Raja tan-Norveġja
Raja microocellata	RJE	Raja għewejna
Raja montagui	RJM	Raja makkjettata
Raja undulata	RJU	Raja ondjata
Rajiformes	SRX	Rebekkini u Raj
Reinhardtius hippoglossoides	GHL	Ħalibatt tal-Groenlandja
Scomber scombrus	MAC	Kavalli
Scophthalmus rhombus	BLL	Barbun lixx
Sebastes spp.	RED	Redfish
Solea solea	SOL	Lingwata komuni
Solea spp.	SOO	Lingwata
Sprattus sprattus	SPR	Laċċa kaħla
Squalus acanthias	DGS	Mazzola griża
Tetrapturus albidus	WHM	Marlin abjad
Thunnus maccoyii	SBF	Tonn tan-Nofsinhar
Thunnus obesus	BET	Tonn għajnu kbira
Thunnus thynnus	BFT	Tonn
Trachurus murphyi	CJM	Sawrell tat-tip jack mackerel
Trachurus spp.	JAX	Sawrell tat-tip horse mackerel
Trisopterus esmarkii	NOP	Merluzz tan-Norveġja
Urophycis tenuis	HKW	Merluzz abjad
Xiphias gladius	SWO	Pixxispad

It-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet komuni u l-ismijiet bil-Latin qed tiġi pprovduta biss għal raġunijiet ta' spjegazzjoni:

Alfonsinos	ALF	*Beryx* spp.
Barbun tat-tbajja' Amerikan	PLA	*Hippoglossoides platessoides*
Inċova	ANE	*Engraulis encrasicolus*
Petriċa	ANF	*Lophiidae*
Antarctic toothfish	TOA	*Dissostichus mawsoni*
Ħalibatt tal-Atlantiku	HAL	*Hippoglossus hippoglossus*
Tonn għajnu kbira	BET	*Thunnus obesus*
Mazzola munqar l-għasfur	DCA	*Deania calcea*
Ħuta tas-silġ (pinen suwed)	SSI	*Chaenocephalus aceratus*
Raja batra	RJH	*Raja brachyura*

▼B

Linarda	BLI	*Molva dypterygia*
Marlin blu	BUM	*Makaira nigricans*
Stokkafixx	WHB	*Micromesistius poutassou*
Tonn	BFT	*Thunnus thynnus*
Minfaħ	BOR	*Caproidae*
Barbun lixx	BLL	*Scophthalmus rhombus*
Kapelin	CAP	*Mallotus villosus*
Bakkaljaw	COD	*Gadus morhua*
Barbun komuni	DAB	*Limanda limanda*
Rebekkin skur kumpless	RJB	*Dipturus batis (Dipturus* cf *flossada* u *Dipturus* cf *intermedia)*
Lingwata komuni	SOL	*Solea solea*
Granċi	PAI	*Paralomis* spp.
Raja kukù	RJN	*Leucoraja naevus*
Granċ aħmar tal-fond	GER	*Chaceon* spp.
Barbun	FLE	*Platichthys flesus*
Pixxiċatt	FLX	*Pleuronectiformes*
Raja manta ġiganta	RMB	*Manta birostris*
Mazzola tal-fanal maġġuri	ETR	*Etmopterus princeps*
Arġentina silus	ARU	*Argentina silus*
Ħalibatt tal-Groenlandja	GHL	*Reinhardtius hippoglossoides*
Grenadieri	GRV	*Macrourus* spp.
Grey rockcod	NOS	*Lepidonotothen squamifrons*
Merluzz tal-linja sewda	HAD	*Melanogrammus aeglefinus*
Merluzz	HKE	*Merluccius merluccius*
Aringa	HER	*Clupea harengus*
Sawrell tat-tip horse mackerel	JAX	*Trachurus* spp.
Humped rockcod	NOG	*Gobionotothen gibberifrons*
Sawrell tat-tip jack mackerel	CJM	*Trachurus murphyi*
Murruna sewda	SCK	*Dalatias licha*
Krill	KRI	*Euphausia superba*
Leafscale gulper shark	GUQ	*Centrophorus squamosus*
Lingwata ta' ħalq żgħir	LEM	*Microstomus kitt*
Lipp	LIN	*Molva molva*
Kavalli	MAC	*Scomber scombrus*
Ħuta tas-silg tal-Antartiku	ANI	*Champsocephalus gunnari*
Marbled rockcod	NOR	*Notothenia rossii*
Megrim	LEZ	*Lepidorhombus* spp.
Gamblu tat-Tramuntana	PRA	*Pandalus borealis*
Skampu	NEP	*Nephrops norvegicus*
Merluzz tan-Norveġja	NOP	*Trisopterus esmarkii*
Raja tan-Norveġja	JAD	*Raja (Dipturus) nidarosiensis*

▼B

Mera tal-Atlantiku	ORY	*Hoplostethus atlanticus*
Patagonian toothfish	TOP	*Dissostichus eleginoides*
Gambli 'Penaeus'	PEN	*Penaeus* spp.
Barbun tat-tbajja’	PLE	*Pleuronectes platessa*
Pollakkju	POL	*Pollachius pollachius*
Pixxiplamtu	POR	*Lamna nasus*
Mazzola Portugiża	CYO	*Centroscymnus coelolepis*
Redfish	RED	*Sebastes* spp.
Roundnose grenadier	RNG	*Coryphaenoides rupestris*
Pollakkju iswed	POK	*Pollachius virens*
Ċiċċirell	SAN	*Ammodytes* spp.
Raja rotonda	RJI	*Raja circularis*
Raja petruża	RJF	*Raja fullonica*
Klamar tal-pinen qosra	SQI	*Illex illecebrosus*
Rebekkini u Raj	SRX	*Rajiformes*
Raja għewejna	RJE	*Raja microocellata*
Mazzola tal-fanal minuri	ETP	*Etmopterus pusillus*
Snow crab	PCR	*Chionoecetes* spp.
Lingwata	SOO	*Solea* spp.
Ħuta tas-silġ ta' South Georgia	SGI	*Pseudochaenichthys georgianus*
Tonn tan-Nofsinhar	SBF	*Thunnus maccoyii*
Raja makkjettata	RJM	*Raja montagui*
Laċċa kaħla	SPR	*Sprattus sprattus*
Mazzola griża	DGS	*Squalus acanthias*
Klamari	SQS	*Martialia hyadesi*
Raja tal-kwiekeb	RJR	*Amblyraja radiata*
Pixxispad	SWO	*Xiphias gladius*
Raja tal-fosos	RJC	*Raja clavata*
Toothfish	TOT	*Dissostichus* spp.
Kelb il-baħar	GAG	*Galeorhinus galeus*
Barbun imperjali	TUR	*Psetta maxima*
Tusk	USK	*Brosme brosme*
Raja ondjata	RJU	*Raja undulata*
Ħuta tas-silġ Unicorn	LIC	*Channichthys rhinoceratus*
Merluzz abjad	HKW	*Urophycis tenuis*
Marlin abjad	WHM	*Tetrapturus albidus*
Ħamiema	RJA	*Raja alba*
Merlangu	WHG	*Merlangius merlangus*
Barbun ilsien il-kelb	WIT	*Glyptocephalus cynoglossus*
Barbun denbu isfar	YEL	*Limanda ferruginea*

▼B

ANNESS IA

SKAGERRAK, IL-KATTEGAT, IS-SUBŻONI I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII U XIV TAL-ICES, L-ILMIJIET TAL-UNJONI TAS-CECAF U L-ILMIJIET TAL-GUJANA FRANĊIŻA

Speċi:	Ċiċċirell *Ammodytes spp.*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (SAN/04-N.)
Id-Danimarka	0		
Ir-Renju Unit	0		
L-Unjoni	0		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

▼M1

Speċi:	Ċiċċirell *Ammodytes* spp.	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIa u IV ([1])
Id-Danimarka	195 471 ([2])		
Ir-Renju Unit	4 273 ([2])		
Il-Ġermanja	298 ([2])		
L-Isvezja	7 177 ([2])		
L-Unjoni	207 219		
TAC	207 219		TAC analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika

([1]) Eskluži l-ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
([2]) Tal-anqas 98 % tal-ħut żbarkat li jingħadd ma' din il-kwota għandu jkun ċiċċirell. Il-qabdiet inċidentali tal-barbun komuni, tal-kavalli u tal-merlangu għandhom jingħaddu mat-2 % tal-kwota li jifdal (OT1/*2A3A4).

Kundizzjoni speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni ta' amministrazzjoni taċ-ċiċċirell, kif definit fl-Anness IID:

Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' amministrazzjoni taċ-ċiċċirell						
	1	2	3	4	5	6	7
	(SAN/234_1)	(SAN/234_2)	(SAN/234_3)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5)	(SAN/234_6)	(SAN/234_7)
Id-Danimarka	53 769	4 717	132 062	4 717	0	206	0
Ir-Renju Unit	1 175	103	2 887	103	0	5	0
Il-Ġermanja	82	7	202	7	0	0	0
L-Isvezja	1 974	173	4 849	173	0	8	0
L-Unjoni	57 000	5 000	140 000	5 000	0	219	0
Total	57 000	5 000	140 000	5 000	0	219	0

▼B

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II (ARU/1/2.)
Il-Ġermanja	24		
Franza	8		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19		
Ir-Renju Unit	39		
L-Unjoni	90		
TAC	90		TAC analitika

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV (ARU/34-C)
Id-Danimarka	911		
Il-Ġermanja	9		
Franza	7		
L-Irlanda	7		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	43		
L-Isvezja	35		
Ir-Renju Unit	16		
L-Unjoni	1 028		
TAC	1 028		TAC analitika

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (ARU/567.)
Il-Ġermanja	329		
Franza	7		
L-Irlanda	305		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	3 434		
Ir-Renju Unit	241		
L-Unjoni	4 316		
TAC	4 316		TAC analitika

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II u XIV (USK/1214EI)
Il-Ġermanja	6 (1)		
Franza	6 (1)		
Ir-Renju Unit	6 (1)		
Oħrajn	3 (1)		
L-Unjoni	21 (1)		
TAC	21		TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Taħt din il-kwota mhu permess ebda sajd dirett.

▼B

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	IIIa, l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Subdiviżjonijiet 22-32 (USK/3A/BCD)
Id-Danimarka	15		
L-Isvezja	7		
Il-Ġermanja	7		
L-Unjoni	29		
TAC	29		TAC analitika

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IV (USK/04-C.)
Id-Danimarka	64		
Il-Ġermanja	19		
Franza	44		
L-Isvezja	6		
Ir-Renju Unit	96		
Oħrajn	6 (1)		
L-Unjoni	235		
TAC	235		TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Taħt din il-kwota mhu permess ebda sajd dirett.

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	8 (2)		
Spanja	26 (2)		
Franza	312 (2)		
L-Irlanda	30 (2)		
Ir-Renju Unit	151 (2)		
Oħrajn	8 (1) (2)		
L-Unjoni	535 (2)		
TAC	3 860		TAC analitika Japplika l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Taħt din il-kwota mhu permess ebda sajd dirett.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3)

▼B

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (USK/04-N.)
Il-Belġju	0 (1)		
Id-Danimarka	0 (1)		
Il-Ġermanja	0 (1)		
Franza	0 (1)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	0 (1)		
Ir-Renju Unit	0 (1)		
L-Unjoni	0 (1)		
TAC	Mhux rilevanti		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3).

Speċi:	Minfaħ *Caproidae*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII (BOR/678-)
Id-Danimarka	31 291		
L-Irlanda	88 115		
Ir-Renju Unit	8 103		
L-Unjoni	127 509		
TAC	127 509		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	IIIa (HER/03A.)
Id-Danimarka	9 986 (2) (3)		
Il-Ġermanja	160 (2) (3)		
L-Isvezja	10 446 (2) (3)		
L-Unjoni	20 592 (2) (3)		
TAC	Mhux stabbilita		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) L-iżbark tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bi xbieki b'daqsijiet tal-malja ta' 32 mm jew aktar.
(2) Kondizzjoni Speċjali: jistgħu jinqabdu sa 50 % ta' dan l-ammont fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IV (HER/*04-C.).
(3) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3).

▼B

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N (HER/4AB.)
Id-Danimarka	48 390 (2)		
Il-Ġermanja	32 639 (2)		
Franza	18 768 (2)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	45 647 (2)		
L-Isvezja	3 347 (2)		
Ir-Renju Unit	48 609 (2)		
L-Unjoni	197 400 (2)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) L-iżbark tal-aringi li jinqabdu f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew aktar. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-iżbark tagħhom tal-aringi fiż-żona IVa (HER/04A.) u fiż-żona IVb (HER/04B.) separatament.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3).

Kondizzjoni Speċjali:

fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/*04N-) (1)
L-Unjoni	0

(1) L-iżbark tal-aringi li jinqabdu f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew aktar. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw l-iżbark tagħhom tal-aringi fiż-żona IVa (HER/*4AN.) u fiż-żona IVb (HER/*4BN.) separatament.

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/04-N.)
L-Isvezja	0 (1) (2)		
L-Unjoni	0 (2)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju u tal-merlangu u tal-pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċi.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3).

▼B

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	IIIa (HER/03A-BC)
Id-Danimarka	4 009 (2)		
Il-Ġermanja	36 (2)		
L-Isvezja	645 (2)		
L-Unjoni	4 690 (2)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Esklussivament għall-iżbark tal-aringi li jinqabdu bħala qabda inċidentali fis-sajd bl-użu ta' xbieki b'daqs tal-malja iżgħar minn 32 mm.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3)

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	IV, VIId u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona IIa (HER/2A47DX)
Il-Belġju	43 (2)		
Id-Danimarka	8 309 (2)		
Il-Ġermanja	43 (2)		
Franza	43 (2)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	43 (2)		
L-Isvezja	41 (2)		
Ir-Renju Unit	158 (2)		
L-Unjoni	8 680 (2)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Esklussivament għall-iżbark tal-aringi li jinqabdu bħala qabda inċidentali fis-sajd bl-użu ta' xbieki b'daqs tal-malja iżgħar minn 32 mm.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3)

▼B

Speċi:	Aringa (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	IVc, VIId (2) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	8 158 (3) (4)		
Id-Danimarka	620 (3) (4)		
Il-Ġermanja	418 (3) (4)		
Franza	8 687 (3) (4)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	15 026 (3) (4)		
Ir-Renju Unit	3 281 (3) (4)		
L-Unjoni	36 190 (4)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Esklussivament għall-iżbark tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bi xbieki b'daqsijiet tal-malja ta' 32 mm jew aktar.
(2) Minbarra ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56′ N, 1° 19,1′ E) sal-latitudni 51° 33′ N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
(3) Kondizzjoni Speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona IVb (HER/*04B.).
(4) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3)

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN (1) (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	3 137 (2)		
Franza	594 (2)		
L-Irlanda	4 240 (2)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	3 137 (2)		
Ir-Renju Unit	16 959 (2)		
L-Unjoni	28 067 (2)		
TAC	28 067	TAC analitika	

(1) Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fil-parti taż-żona VIa tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-meridjan tal-lonġitudni 7°W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 55°N, jew fil-Punent tal-meridjan tal-lonġitudni 7°W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 56°N, minbarra l-Clyde.
(2) Għandhom ikunu pprojbiti s-sajd jew iż-żamma abbord ta' kwalunkwe aringa fil-parti taż-żoni tal-ICES soġġett għal dan it-TAC li jinsab bejn 56° N u 57° 30′ N, bl-eċċezzjoni ta' faxxa ta' sitt mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi tal-baħar territorjali tar-Renju Unit.

▼B

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VIaS ([1]), VIIb, VIIc (HER/6AS7BC)
L-Irlanda	3 342		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	334		
L-Unjoni	3 676		
TAC	3 676		TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

([1]) Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fiż-żona VIa li tinsab fin-Nofsinhar ta' 56° 00′ N u fil-Punent ta' 07° 00′ W.

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VI ta' Clyde ([1]) (HER/06ACL.)
Ir-Renju Unit	Trid jiġi stabbilita ([2])		
L-Unjoni	Trid jiġi stabbilita ([3])		
TAC	Trid jiġi stabbilita ([3])		TAC ta' prekawzjoni

([1]) L-istokk ta' Clyde: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fiż-żona marittima li tinsab lejn il-Grigal ta' linja li tgħaddi bejn:
— il-Mull ta' Kintyre (55°17.9′N, 05°47.8′W);
— punt fil-pożizzjoni (55°04′N, 05°23′W) u;
— Corsewall Point (55°00.5′N, 05°09.4′W).
([2]) Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.
([3]) Iffissata fl-istess kwantità kif stabbilit skont in-nota tal-qiegħ numru 2.

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VIIa ([1]) (HER/07/MM)
L-Irlanda	1 367		
Ir-Renju Unit	3 884		
L-Unjoni	5 251		
TAC	5 251		TAC analitika

([1]) Minn din iż-żona għandha titnaqqas l-erja kkonfinata:
— lejn it-Tramuntana mil-latitudni ta' 52° 30′ N,
— lejn in-Nofinshar mil-latitudni ta' 52° 00′ N,
— lejn il-Punent mill-kosta tal-Irlanda,
— lejn il-Lvant mill-kosta tar-Renju Unit.

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VIIe u VIIf (HER/7EF.)
Franza	465		
Ir-Renju Unit	465		
L-Unjoni	930		
TAC	930		TAC ta' prekawzjoni

▼B

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	VIIg (1), VIIh (1), VIIj (1) u VIIk (1) (HER/7G-K.)
Il-Ġermanja	248		
Franza	1 380		
L-Irlanda	19 324		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 380		
Ir-Renju Unit	28		
L-Unjoni	22 360		
TAC	22 360	TAC analitika	

(1) Minn din iż-żona għandha titnaqqas l-erja kkonfinata:
— lejn it-Tramuntana mil-latitudni ta' 52° 30′ N,
— lejn in-Nofinshar mil-latitudni ta' 52° 00′ N,
— lejn il-Punent mill-kosta tal-Irlanda,
— lejn il-Lvant mill-kosta tar-Renju Unit.

Speċi:	Inċova *Engraulis encrasicolus*	**Żona:**	IX u X; l-ilmijiet tal-KE tas-CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411)
Spanja	4 198		
Il-Portugall	4 580		
L-Unjoni	8 778		
TAC	8 778	TAC ta' prekawzjoni	

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	Skagerrak (COD/03AN.)
Il-Belġju	7 (1) (2)		
Id-Danimarka	2 118 (1) (2)		
Il-Ġermanja	53 (1) (2)		
Il-Pajjiżi l-Baxxi	13 (1) (2)		
L-Isvezja	371 (1) (2)		
L-Unjoni	2 562 (2)		
TAC	Mhux stabbilita	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax	

(1) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3)

▼B

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	Il-Kattegat (COD/03AS.)

Id-Danimarka	62 (1)
Il-Ġermanja	1 (1)
L-Isvezja	37 (1)
L-Unjoni	100 (1)
TAC	100 (1)

TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. Taħt din il-kwota mhu permess ebda sajd dirett.

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	IV; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa; dik il-parti taż-żona IIIa li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4)

Il-Belġju	548 (1) (2)
Id-Danimarka	3 146 (1) (2)
Il-Ġermanja	1 995 (1) (2)
Franza	676 (1) (2)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	1 778 (1) (2)
L-Isvezja	21 (1) (2)
Ir-Renju Unit	7 218 (1) (2)
L-Unjoni	15 382 (2)
TAC	Mhux stabbilita

TAC analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Flimkien ma' din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament.
(2) Kwota proviżorja f'konformità mal-Artikolu 1(3).

Kondizzjoni Speċjali:

Fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (COD/*04N-)
L-Unjoni	0

Speċi:	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (COD/04-N.)

L-Isvezja	0 (1) (2)
L-Unjoni	0 (2)
TAC	Mhux rilevanti

TAC analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz tal-linja sewda, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju iswed għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċi.
Speċi:	Antarctic toothfish *Dissostichus mawsoni*	**Żona:**	In-Nofsinhar tal-Antartiku FAO 48.4 (TOA/F484S.)
TAC	24 ([1])	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

([1]) Din it-TAC hi applikabbli fiż-żona kkonfinata mil-latitudnijiet 57° 20′ S u 60° 00′ S u mil-longitutdnijiet 24° 30′ W u 29° 00′ W.

Speċi:	Patagonian toothfish *Dissostichus eleginoides*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.5.2 (TOP/F5852.)
TAC	2 730 ([1])	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

([1]) Din it-TAC hija applikabbli għall-Punent ta' 79° 20′ E biss. Is-sajd fil-Lvant ta' dan il-meridjan f'din iż-żona huwa pprojbit.

Speċi:	Krill *Euphausia superba*	**Żona:**	FAO 48 (KRI/F48.)
TAC	5 610 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

Kondizzjonijiet speċjali:

Fil-limitu ta' qabdiet kumplessivi totali ta' 620 000 tunnellata, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

Id-diviżjoni *F481.)	48.1	(KRI/	155 000
Id-diviżjoni *F482.)	48.2	(KRI/	279 000
Id-diviżjoni *F483.)	48.3	(KRI/	279 000
Id-diviżjoni *F484.)	48.4	(KRI/	93 000

▼B

Speċi:	Krill *Euphausia superba*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.4.1 (KRI/F5841.)

TAC	440 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Kondizzjonijiet speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

Id-diviżjoni 58.4.1 fil-Punent ta' 115° E (KRI/*F-41W)	277 000
Id-diviżjoni 58.4.1 fil-Lvant ta' 115° E (KRI/*F-41E)	163 000

Speċi:	Krill *Euphausia superba*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.4.2 (KRI/F5842.)

TAC	2 645 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Kondizzjonijiet speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt mis-subżoni speċifikati:

Id-diviżjoni 58.4.2 fil-Punent ta' 55° E (KRI/*F-42W)	260 000
Id-diviżjoni 58.4.2 fil-Lvant ta' 55° E (KRI/*F-42E)	192 000

Speċi:	Humped rockcod *Gobionotothen gibberifrons*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (NOG/F483.)

TAC	1 470 ([1])	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

▼B

Speċi:	Grey rockcod *Lepidonotothen squamifrons*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (NOS/F483.)
TAC	300 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Grey rockcod *Lepidonotothen squamifrons*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.5.2 (NOS/F5852.)
TAC	80 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Grenadieri *Macrourus* spp.	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.5.2 (GRV/F5852.)
TAC	360 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Grenadieri *Macrourus* spp.	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (GRV/F483.)
TAC	120 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

▼B

Speċi:	Marbled rockcod *Notothenia rossii*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (NOR/F483.)
TAC	300 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Granċi *Paralomis* spp.	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (PAI/F483.)
TAC	0	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

Speċi:	Ħuta tas-silġ ta' South Georgia *Pseudochaenichthys georgianus*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (SGI/F483.)
TAC	300 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Rebekkini u Raj *Rajiformes*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.5.2 (SRX/F5852.)
TAC	120 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

▼B

Speċi:	Rebekkini u Raj *Rajiformes*	**Żona:**	L-Antartiku FAO 48.3 (SRX/F483.)
TAC	120 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

Speċi:	Speċijiet oħrajn	**Żona:**	L-Antartiku FAO 58.5.2 (OTH/F5852.)
TAC	50 (1)	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

(1) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Ebda sajd dirett mhuwa permess taħt din it-TAC.

▼B

ANNESS IF

IX-XLOKK TAL-OĊEAN ATLANTIKU IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-SEAFO

Dawn it-TACs mhumiex allokati lill-membri tas-SEAFO u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux determinat. Il-qabdiet huma mmonitorjati mis-Segretarjat tas-SEAFO, li ser jikkomunika meta għandu jitwaqqaf is-sajd minħabba li tiġi eżawrita t-TAC.

Speċi:	Alfonsinos *Beryx* spp.	**Żona:**	SEAFO (ALF/SEAFO)
TAC	200		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Granċ l-Aħmar tal-Fond *Chaceon* spp.	**Żona:**	Is-Subdiviżjoni B1 tas-SEAFO ([1]) (GER/F47NAM)
TAC	200		TAC ta' prekawzjoni

([1]) Għall-finijiet ta' dan it-TAC, iż-żona miftuħa għas-sajd hija ddefinita bħala dik li għandha:
— il-limitu tal-Punent tagħha fuq il-lonġitudni 0° E,
— il-limitu tat-Tramuntana tagħha fuq il-latitudni 20° S,
— il-limitu tan-Nofsinhar tagħha fuq il-latitudni 28° S, u
— il-limiti ta' barra nett tal-limitu tal-Lvant taż-ŻEE tan-Namibja.

Speċi:	Granċ l-Aħmar tal-Fond *Chaceon* spp.	**Żona:**	Is-SEAFO, minbarra s-Subdiviżjoni B1 (GER/F47X)
TAC	200		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Patagonian toothfish *Dissostichus eleginoides*	**Żona:**	Is-SEAFO, is-subżona D (TOP/F47D)
TAC	276		TAC ta' prekawzjoni

Speċi:	Mera tal-Atlantiku *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	Is-Subdiviżjoni B1 tas-SEAFO ([1]) (ORY/F47NAM)
TAC	0		TAC ta' prekawzjoni

([1]) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, iż-żona miftuħa għas-sajd hija ddefinita bħala dik li għandha:
— il-limitu tal-Punent tagħha fuq il-lonġitudni 0° E,
— il-limitu tat-Tramuntana tagħha fuq il-latitudni 20° S,
— il-limitu tan-Nofsinhar tagħha fuq il-latitudni 28° S, u
— il-limiti ta' barra nett tal-limitu tal-Lvant taż-ŻEE tan-Namibja.

Speċi:	Mera tal-Atlantiku *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	Is-SEAFO, minbarra s-Subdiviżjoni B1 (ORY/F47X)
TAC	50		TAC ta' prekawzjoni

▼B

ANNESS IG

IT-TONN TAN-NOFSINHAR – IŻ-ŻONI KOLLHA

Speċi:	Tonn tan-Nofsinhar *Thunnus maccoyii*	**Żona:**	Iż-żoni kollha (SBF/F41-81)

L-Unjoni Ewropea	10 ([1])	
TAC	12 449	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Esklużivament għall-qabdiet inċidentali. Taħt din il-kwota mhux permess ebda sajd dirett.

▼B

ANNESS IH

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*	**Żona:**	Iż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20° S (SWO/F7120S)
L-Unjoni Ewropea	3 170,36		
TAC	Mhux rilevanti	TAC ta' prekawzjoni	

▼B

ANNESS IJ

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

Speċi:	Sawrell tat-tip jack mackerel *Trachurus murphyi*	**Żona:**	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)

Il-Ġermanja	7 808,07 (1)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	8 463,14 (1)
Il-Litwanja	5 433,05 (1)
Il-Polonja	9 341,74 (1)
L-Unjoni Ewropea	31 046 (1)
TAC	Mhux rilevanti

TAC analitika

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax

(1) Kwota proviżorja sa ma jasal l-eżitu tat-tieni laqgħa annwali tal-Kummissjoni SPRFMO skedata għas-27-31 ta' Jannar 2014.

▼B

ANNESS IIA

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TA' ĊERTI STOKKIJIET TAL-BAKKALJAW, IL-BARBUN TAT-TBAJJA' U L-LINGWATA FID-DIVIŻJONIJIET IIIA, VIA, VIIA, VIID TAL-ICES, FIS-SUBŻONA IV TAL-ICES U FL-ILMIJIET TAL-UNJONI TAD-DIVIŻJONIJIET IIA U VB TAL-ICES

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom abbord jew li jużaw kwalunkwe rkaptu msemmi fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u li jkunu preżenti fi kwalunkwe waħda miż-żoni ġeografiċi speċifikati fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

1.2. Dan l-Anness ma għandux japplika għal bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 10 metri. Dawk il-bastimenti ma għandhomx għalfejn ikollhom awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġin skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jivvalutaw l-isforz tas-sajd ta' dawk il-bastimenti skont il-gruppi tal-isforz li għalihom jappartjenu, bl-użu ta' metodi adatti ta' kampjunar. Matul l-2014, il-Kummissjoni għandha tfittex il-parir xjentifiku għall-finijiet ta' evalwazzjoni tal-iżvilupp tal-użu tal-isforz ta' dawk il-bastimenti, fid-dawl tal-inklużjoni futura tagħhom fir-reġim tal-isforz.

2. **Irkaptu regolat u żoni ġeografiċi**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw ir-raggruppamenti tal-irkaptu msemmija fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ('irkaptu regolat') u r-raggruppamenti taż-żoni ġeografiċi msemmija fil-punt 2 ta' dak l-Anness.

3. **Awtorizzazzjonijiet**

Stat Membru jista' jintroduċi projbizzjoni fuq is-sajd b'irkaptu regolat fi kwalunkwe waħda miż-żoni ġeografiċi li għalihom japplika dan l-Anness minn kwalunkwe wieħed mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li ma għandux rekord tat-tali attività tas-sajd, sakemm ma jiżgurax li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex tistad f'dik iż-żona, jekk l-Istat Membru jqis li dan ikun xieraq sabiex tiġi rrinfurzata l-implimentazzjoni sostenibbli ta' dan ir-reġim tal-isforz.

4. **Sforz massimu tas-sajd li jista' jiġi permess**

4.1. L-isforz tas-sajd massimu permess imsemmi fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 676/2007 għall-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, jiġifieri mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015, għal kull wieħed mill-gruppi tal-isforz ta' kull Stat Membru huwa stipulat fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

4.2. Il-livelli massimi tal-isforz annwali tas-sajd stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 ([1]) ma għandhomx jaffettwaw l-isforz massimu tas-sajd li jista' jiġi permess stabbilit f'dan l-Anness.

5. **Ġestjoni**

5.1. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permess f'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, fl-Artikolu 4 u fl-Artikoli 13 sa 17 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 tal-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1).

▼B

5.2. Stat Membru jista' jistabbilixxi perijodi ta' ġestjoni biex jalloka l-isforz massimu kollu li jista' jiġi permess jew xi partijiet minnu lil bastimenti individwali jew lil gruppi ta' bastimenti. F'tali każ, l-għadd ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat skont kif jidhirlu hu. Matul kwalunkwe perijodu ta' ġestjoni bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat jista' jirrialloka l-isforz bejn il-bastimenti individwali jew bejn il-gruppi ta' bastimenti.

5.3. Jekk Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu sabiex ikunu preżenti f'żona għal għadd ta' sigħat partikulari, huwa għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem skont il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt 5.1. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita li jkun hemm konsum eċċessiv tal-isforz fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenza tiegħu fiż-żona qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 24-siegħa.

6. **Rapport dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem, għall-finijiet tal-ġestjoni tal-bakkaljaw, bħala kull waħda miż-żoni ġeografiċi msemmija fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

7. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu d-data dwar l-isforz tas-sajd użat mill-bastimenti tas-sajd tagħhom lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Din id-data għandha tintbagħat permezz tas-Sistema tal-Iskambju tad-Data dwar is-Sajd jew ta' kwalunkwe sistema futura għall-ġbir tad-data implimentata mill-Kummissjoni.

▼B

Appendiċi 1 tal-Anness IIA

L-isforz massimu tas-sajd li jista' jiġi permess f'jiem kilowatt

(a) Kattegat:

Irkaptu regolat	DK	DE	SE
TR1	197 929	4 212	16 610
TR2	830 041	5 240	327 506
TR3	441 872	0	490
BT1	0	0	0
BT2	0	0	0
GN	115 456	26 534	13 102
TG	22 645	0	22 060
LL	1 100	0	25 339

(b) Skagerrak, dik il-parti tad-diviżjoni IIIa tal-ICES mhux koperta mill-Iskagerrak u l-Kattegat; is-subżona IV tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES; id-diviżjoni VIId tal-ICES:

Irkaptu regolat	BE	DK	DE	ES	FR	IE	NL	SE	UK
TR1	895	3 385 928	954 390	1 409	1 505 354	157	257 266	172 064	6 185 460
TR2	193 676	2 841 906	357 193	0	6 496 811	10 976	748 027	604 071	5 127 906
TR3	0	2 545 009	257	0	101 316	0	36 617	1 024	8 482
BT1	1 427 574	1 157 265	29 271	0	0	0	999 808	0	1 739 759
BT2	5 401 395	79 212	1 375 400	0	1 202 818	0	28 307 876	0	6 116 437
GN	163 531	2 307 977	224 484	0	342 579	0	438 664	74 925	546 303
TG	0	224 124	467	0	4 338 315	0	0	48 968	14 004
LL	0	56 312	0	245	125 141	0	0	110 468	134 880

(c) Id-diviżjoni VIIa tal-ICES:

Irkaptu regolat	BE	FR	IE	NL	UK
TR1	0	48 193	33 539	0	339 592
TR2	10 166	744	475 649	0	1 086 399
TR3	0	0	1 422	0	0
BT1	0	0	0	0	0
BT2	843 782	0	514 584	200 000	111 693
GN	0	471	18 255	0	5 970
TG	0	0	0	0	158
LL	0	0	0	0	70 614

▼B

(d) Id-diviżjoni VIa tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni Vb tal-ICES:

Irkaptu regolat	BE	DE	ES	FR	IE	UK
TR1	0	9 320	249 152	1 057 828	428 820	1 033 273
TR2	0	0	0	34 926	14 371	2 972 845
TR3	0	0	0	0	273	16 027
BT1	0	0	0	0	0	117 544
BT2	0	0	0	0	3 801	4 626
GN	0	35 442	13 836	302 917	5 697	213 454
TG	0	0	0	0	1 953	145
LL	0	0	1 402 142	184 354	4 250	630 040

▼B

ANNESS IIB

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-IRKUPRU TA' ĊERTI STOKKIJIET TAL-MERLUZZ TAN-NOFSINHAR U TAL-ISKAMPU FID-DIVIŻJONIJIET VIIIc u IXa TAL-ICES MINBARRA L-GOLF TA' CÁDIZ

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar, li jkollhom abbord jew li jużaw xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew aktar u għeżula b'daqs tal-malja ta' 60 mm jew aktar jew konzijiet tal-qiegħ skont ir-Regolament (KE) Nru 2166/2005, u li jkunu preżenti fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, għajr fil-Golf ta' Cádiz.

2. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) 'raggruppament ta' rkaptu' tfisser ir-raggruppament magħmul miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:

(i) xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkaptu simili b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew aktar; u

(ii) għeżula b'daqs tal-malja ta' 60 mm jew aktar u konzijiet tal-qiegħ;

(b) 'irkaptu regolat' tfisser waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li jagħmlu parti mir-raggruppament ta' rkaptu;

(c) 'żona' tfisser id-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, għajr għall-Golf ta' Cádiz;

(d) 'perijodu ta' ġestjoni tal-2014' tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015;

(e) 'kondizzjonijiet speċjali' tfisser il-kondizzjonijiet speċjali stipulati fil-punt 6.1.

3. **Limitazzjoni fl-attività**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu regolat, il-bastimenti tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu m'għandhomx ikunu preżenti fiż-żona għal aktar mill-għadd ta' jiem speċifikat fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet

4. **Bastimenti awtorizzati**

4.1. Stat Membru ma għandux jawtorizza s-sajd b'irkaptu regolat fiż-żona minn kwalunkwe wieħed mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li ma jkollux rekord tat-tali attività tas-sajd għas-snin mill-2002 sal-2013 f'dik iż-żona, għajr ir-rekord tal-attivitajiet tas-sajd b'riżultat tat-trasferiment tal-jiem bejn il-bastimenti tas-sajd, sakemm ma jiżgurax li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex tistad fiż-żona.

4.2. Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona m'għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona b'irkaptu regolat, sakemm dak il-bastiment ma jingħatax kwota wara trasferiment kif permess skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u ma jiġix allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 11 jew il-punt 12 ta' dan l-Anness.

▼B

KAPITOLU III

Għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona allokata lill-bastimenti tal-unjoni

5. **Għadd massimu ta’ jiem**

5.1. Matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fihom fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat qed jingħata fit-Tabella I.

5.2. Jekk bastiment ikun kapaċi juri li l-qabdiet tiegħu tal-merluzz ikunu jirrappreżentaw inqas minn 4 % tal-piż ħaj kollu tal-ħut li jkun inqabad matul vjaġġ partikulari, l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment għandu jitħalla ma jgħoddx il-jiem fuq il-baħar assoċjati ma' dak il-vjaġġ tas-sajd mal-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar applikabbli kif stipulat fit-Tabella I.

6. **Kondizzjonijiet speċjali għall-allokazzjoni tal-jiem**

6.1. Għall-finijiet li jiġi stabbilit l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li matulhom bastiment tal-Unjoni jista' jkun awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona, il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin għandhom japplikaw skont it-Tabella I:

(a) l-ammont totali ta' merluzz li jkun ġie żbarkat l-art mill-bastiment ikkonċernat fl-2011 jew fl-2012 għandu jirrappreżenta inqas minn 5 tunnellati skont l-iżbark f’piż ħaj; u

(b) l-ammont totali ta' skampu li jkun ġie żbarkat mill-bastiment ikkonċernat fl-2011 jew fl-2012 għandu jirrappreżenta inqas minn 2,5 tunnellati skont l-iżbark f’piż ħaj.

6.2. Jekk bastiment ikun ibbenefika minn għadd bla limitu ta’ jiem minħabba l-konformità tiegħu mal-kondizzjonijiet speċjali, l-iżbark tal-bastiment fil-perijodu ta’ ġestjoni tal-2014 ma għandux jaqbeż il-5 tunnellati tal-iżbark totali, f’piż ħaj, tal-merluzz u t-2,5 tunnellati tal-iżbark totali, f’piż ħaj, tal-iskampu.

6.3. Meta bastiment ma jissodisfax xi waħda minn dawn iż-żewġ kondizzjonijiet speċjali, dak il-bastiment għandu jitlef id-dritt għall-allokazzjoni ta' jiem marbuta ma’ dik il-kondizzjoni speċjali partikulari b'effett immedjat.

6.4. L-applikazzjoni tal-kondizzjoni speċjali msemmija fil-punt 6.1. tista' tiġi ttrasferita minn bastiment għall-ieħor jew minn bastiment wieħed għal diversi bastimenti oħrajn li jissostitwixxu ’l dak il-bastiment fil-flotta, dejjem jekk dak il-bastiment li jkun qed jissostitwixxih juża l-istess irkaptu u ma jkollux, għal kwalunkwe sena tal-operazzjoni tiegħu, rekord ta' żbark ta' merluzz u skampu li jkun ogħla mill-kwantitajiet speċifikati fil-punt 6.1.

Tabella I

L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skont l-irkaptu tas-sajd kull sena

Kondizzjoni speċjali	Irkaptu regolat	Għadd massimu ta' jiem	
	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni Daniżi u xbieki simili bid-daqs tal-malja ta' ≥ 32 mm, għeżula bid-daqs tal-malja ta' ≥ 60 mm u konzijiet tal-qiegħ	ES	127
		FR	121
		PT	126
6.1.(a) and 6.1.(b)	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni Daniżi u xbieki simili bid-daqs tal-malja ta' ≥ 32 mm, għeżula bid-daqs tal-malja ta' ≥ 60 mm u konzijiet tal-qiegħ	Bla limitu	

▼B

7. **Sistema tal-jiem kilowatt**

7.1. Stat Membru jista' jimmaniġġa l-allokazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd tiegħu f'konformità ma' sistema tal-jiem kilowatt. Permezz ta' dik is-sistema, huwa jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat minn kwalunkwe rkaptu regolat u kwalunkwe kondizzjoni speċjali kif imniżżel fit-Tabella I, biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak imniżżel f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rrispettat l-ammont totali ta' jiem kilowatt li jikkorrispondi għall-irkaptu regolat u għall-kondizzjonijiet speċjali.

7.2. Dan l-ammont totali ta' jiem kilowatt għandu jkun is-somma tal-isforzi tas-sajd individwali kollha allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u li jikkwalifikaw għall-irkaptu regolat u, fejn ikun applikabbli, għall-kondizzjonijiet speċjali. Tali sforzi tas-sajd individwali għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt billi l-qawwa tal-magna ta' kull bastiment tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment kien jibbenefika minnu skont it-Tabella I li kieku l-punt 7.1. ma ġiex applikat. Sakemm l-għadd tal-jiem ikun bla limitu skont it-Tabella I, l-għadd rilevanti ta' jiem li l-bastimenti jibbenefika minnu huwa ta' 360.

7.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 7.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom, għall-irkaptu regolat u l-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkoli bbażati fuq:

(a) il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) ir-rekords tal-2011 u l-2012 għal bastimenti bħal dawn, li jirriflettu l-kompożizzjoni tal-qabdiet iddefinita fil-kondizzjonijiet speċjali msemmija fil-punti 6.1.(a) jew (b), jekk dawn il-bastimenti jkunu jikkwalifikaw għal dawn il-kondizzjoni speċjali;

(c) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skont it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 7.1.

7.4. Fuq il-bażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt 7 ġewx issodisfatti u, fejn ikun applikabbli, tista' tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 7.1.

8. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd**

8.1. Numru ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat jista' jiġi allokat mill-Kummissjoni lil Stat Membru abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew mill-1 ta' Frar 2013 sal-31 ta' Jannar 2014 jew f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 ([1]) jew mar-Regolament (KE) Nru 744/2008 ([2]). Il-waqfiet permanenti li jirriżultaw minn kwalunkwe ċirkostanza oħra jistgħu jitqiesu mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' każ b'każ, wara talba bil-miktub u mmotivata kif xieraq mill-Istat Membru kkonċernat. It-tali talba bil-miktub għandha tidentifika l-bastimenti kkonċernati u tikkonferma, għal kull wieħed minnhom, li huma mhu se jwettqu qatt iktar attivitajiet tas-sajd.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jitħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 1).

▼B

8.2. L-isforz magħmul fl-2003 mill-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu regolat, imkejjel f'jiem kilowatt, għandu jiġi diviż bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu matul l-2003. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi l-proporzjon miksub b'dan il-mod jiġi mmultiplikat bl-għadd ta' jiem li kienu se jiġu allokati skont it-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha titqarreb għall-eqreb jum sħiħ.

8.3. Il-punti 8.1. u 8.2. ma għandhomx japplikaw f'każ li bastiment ikun ġie ssostitwit f'konformità mal-punti 3 jew 6.4., jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

8.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju 2014, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom, għar-raggruppament tal-irkaptu u għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkoli bbażati fuq:

(a) il-listi tal-bastimenti rtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003 ikkalkulati bħala jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppamenti tal-irkaptu tas-sajd, u, jekk meħtieġ, skont il-kondizzjonijiet speċjali.

8.5. Abbażi ta' talba bħal din minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lil dak l-Istat Membru għadd ta' jiem addizzjonali għal dak imsemmi fil-punt 5.1. għal dak l-Istat Membru. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

8.6. Matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, Stat Membru jista' jirrialloka dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jkun għad baqa' fil-flotta u li jikkwalifikaw għall-irkaptu rregolat jew lil parti minnhom. Il-jiem addizzjonali li jkunu ġejjin minn bastiment irtirat li kien ibbenefika minn kondizzjoni speċjali msemmija fil-punt 6.1.(a) jew (b) ma għandhomx jiġu allokati lil bastiment li jkun għadu attiv iżda li ma jibbenefikax minn kondizzjoni speċjali.

8.7. Meta l-Kummissjoni talloka jiem addizzjonali fuq il-baħar minħabba waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, l-għadd massimu ta' jiem għal kull Stat Membru u għal kull irkaptu mogħti fit-Tabella I għandu jiġu aġġustat skont dan għall-perijodu ta' ġestjoni tal-2014.

9. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali biex titjieb il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi**

9.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lil Stat Membru tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi rkaptu regolat abbażi ta' programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Programm bħal dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli ta' skartar tal-ħut u fuq l-għamla tal-qabda u għandu jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-data kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 199/2008 ([1]) u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu għall-programmi nazzjonali.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1).

▼B

9.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti mis-sid, mill-kaptan tal-bastiment u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.

9.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 9.1. għandu jibgħat deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

9.4. Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta lill-STECF, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lill-Istat Membru kkonċernat għadd ta' jiem addizzjonali għal dak imsemmi fil-punt 5.1. għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu kkonċernati mill-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

9.5. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi ppreżentat minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli japplikah mingħajr tibdil, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

KAPITOLU IV

Ġestjoni

10. Obbligu ġenerali

L-Istati Membri għandhom jimmaniġġaw l-isforz massimu permess b'konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005 u l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

11. Perijodi ta' ġestjoni

11.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' xahar kalendarju jew aktar.

11.2. L-għadd ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

11.3. Fejn Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu biex ikunu preżenti fiż-żona għal perijodi mogħtija f'sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 10. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita li jkun hemm konsum eċċessiv tal-jiem fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenza tiegħu fiż-żona qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 24 siegħa.

KAPITOLU V

Skambju tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

12. Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' stat membru wieħed

12.1. Stat Membru jista' jippermetti kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu li jittrasferixxi l-jiem preżenti fiż-żona li jkunu ngħatawlu lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm l-ammont li jirriżulta meta l-jiem li bastiment jirċievi jiġu mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatt) ikun daqs l-ammont li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur mal-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts, jew ikun inqas minnu. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tiġi rreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni.

▼B

12.2. L-ammont li jirriżulta meta l-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona ttrasferiti skont il-punt 12.1. jiġi mmultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur, f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur fiż-żona skont ir-rekords tiegħu, kif ivverifikati mill-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-2011 u l-2012, immultiplikata bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts.

12.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 12.1. għandu jitħalla jsir biss bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

12.4. It-trasferiment tal-jiem hu permess biss għall-bastimenti li jibbenefikaw minn allokazzjoni ta' jiem tas-sajd mingħajr kondizzjonijiet speċjali.

12.5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Il-format tal-ispreadsheets għall-ġbir u t-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija f'dan il-punt jista' jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

13. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' stati membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn il-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.1., 4.2. u 12 japplikaw *mutatis mutandis*. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw trasferiment bħal dan, qabel ma jsir dan it-trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni d-dettalji tat-trasferiment, inklużi l-għadd ta' jiem li għandu jiġi ttrasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn ikun applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbutin magħhom.

KAPITOLU VI

Obbligi tar-rappurtar

14. **Rapport dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ż-żona speċifikata fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

15. **Ġbir tad-data rilevanti**

Abbażi tal-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness, kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali magħmul fiż-żona għall-irkaptu rmunkat u għal dak statiku, l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'jiem kilowatt.

16. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni spreadsheet bid-data speċifikata fil-punt 15 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-kaxxa postali elettronika adatt, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtu wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat li tkopri l-perijodi kollha ta' ġestjoni tal-2013 u l-2014, jew partijiet minnhom, billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

▼B

Tabella II

Format tar-rappurtar tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena

Stat Membru	Irkaptu	Sena	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Format tad-data tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		L-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-bastiment (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO)
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32 mm GN = għeżula ≥ 60 mm LL = konzijiet tal-qiegħ
(3) Sena	4		Jew l-2006 jew l-2007 jew l-2008 jew l-2009 jew l-2010 jew l-2011 jew l-2012 jew l-2013 jew l-2014
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	R	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd użat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena rilevanti mogħti f'jiem kilowatt

([1]) L-informazzjoni hi rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

Tabella IV

Format tar-rappurtar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Imm-arkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Rkaptu notifikat				Kondizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i notifikat(i)				Jiem eliġibbli għall-użu tal-irkaptu/i notifikat(i)				Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i)				Trasferiment ta' jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru 2	No 3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)	(8)	(8)	(8)	(9)

Tabella V

Format tad-data għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		L-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-bastiment (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO)
(2) CFR	12		In-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug

▼B

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament (1) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(3) Immarkar estern	14	L	Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87 (2)
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	L	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur
(5) Irkapti notifikati	2	L	Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: TR = xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u rkaptu simili ≥ 32 mm GN = għeżula ≥ 60 mm LL = konzijiet tal-qiegħ
(6) Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu/i notifikat(i)	2	L	Indikazzjoni dwar liema kondizzjoni speċjali minn dawk imsemmija fil-punt 6.1.(a) jew (b) tal-Anness IIB tapplika, jekk ikun hemm
(7) Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i notifikat(i)	3	L	L-għadd ta' jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli skont l-Anness IIB għall-irkaptu magħżul u għat-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat
(8) Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i)	3	L	L-għadd ta' jiem li l-bastiment attwalment qatta' preżenti fiż-żona, juża rkaptu li jikkorrispondi għal irkaptu notifikat tul il-perijodu ta' ġestjoni notifikat
(9) Trasferiment ta' jiem	4	L	Għall-jiem ittrasferiti indika '– l-għadd ta' jiem ittrasferiti' u għall-jiem irċevuti indika '+ l-għadd ta' jiem ittrasferiti'

(1) L-informazzjoni hi rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.
(2) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1381/87 tal-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd (ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9).

▼B

ANNESS IIC

L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-LINGWATA TAL-KANAL TAL-PUNENT FID-DIVIŻJONI VIIe TAL-ICES

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Dan l-Anness għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni b'tul totali ta' 10 metri jew aktar, li jkollhom abbord jew li jużaw xbieki tat-tkarkir bit-travu b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew aktar u xbieki statiċi inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil b'daqs tal-malja ta' 220 mm jew inqas skont ir-Regolament (KE) Nru 509/2007, u li jkunu preżenti fid-diviżjoni VIIe tal-ICES. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, referenza għall-perijodu ta' ġestjoni tal-2014 tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015.

1.2. Bastimenti li jistadu bi xbieki statiċi b'daqs tal-malja ta' 120 mm jew aktar u li jkollhom rekords li juru qabdiet ta' inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj, fis-sena matul it-tliet snin preċedenti, skont ir-reġistri tas-sajd tagħhom, għandhom ikun eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) bastimenti bħal dawn jaqbdu inqas minn 300 kg ta' lingwata, f'piż ħaj, matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014;

(b) bastimenti bħal dawn ma jittrażbordaw ebda ħut lejn bastiment ieħor meta jkunu fuq il-baħar;

(c) sal-31 ta' Lulju 2014 u l-31 ta' Jannar 2015, kull Stat Membru kkonċernat jagħmel rapport lill-Kummissjoni dwar ir-rekords tal-qbid tal-lingwata minn dawn il-bastimenti fit-tliet snin preċedenti kif ukoll dwar il-qbid tal-lingwata fl-2014.

Fejn kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet ma tintlaħaqx, il-bastimenti kkonċernati m'għandhomx ikomplu jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' dan l-Anness, b'effett immedjat.

2. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'raggruppament ta' rkaptu' tfisser ir-raggruppament magħmul miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li ġejjin:

(i) xbieki tat-tkarkir bit-travu b'daqs tal-malja ta' 80 mm jew aktar u

(ii) xbieki statiċi, inklużi għeżula, pariti u għeżula tat-tħabbil b'daqs tal-malja ta' 220 mm jew inqas;

(b) 'irkaptu regolat' tfisser waħda miż-żewġ kategoriji ta' rkaptu li jagħmlu parti mir-raggruppament ta' rkaptu;

(c) 'żona' tfisser id-diviżjoni VIIe tal-ICES;

(d) "perijodu ta' ġestjoni tal-2014" tfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2014 sal-31 ta' Jannar 2015.

▼B

3. **Limitazzjoni fl-attività**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jkollhom abbord kwalunkwe rkaptu regolat, il-bastimenti tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma rreġistrati fl-Unjoni m'għandhomx ikunu preżenti fiż-żona għal aktar mill-għadd ta' jiem stipulat fil-Kapitolu III ta' dan l-Anness.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet

4. **Bastimenti awtorizzati**

4.1 Stat Membru m'għandux jawtorizza s-sajd b'irkaptu regolat fiż-żona minn kwalunkwe bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu li ma jkollux rekord tat-tali attività tas-sajd għas-snin mill-2002 sal-2013 f'dik iż-żona, sakemm ma jiżgurax li kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowatts, ma titħalliex tistad f'dik iz-żona.

4.2 Madankollu, bastiment b'rekord ta' użu ta' rkaptu regolat jista' jiġi awtorizzat juża rkaptu tas-sajd differenti, sakemm l-għadd ta' jiem allokati għal dan l-aħħar tip ta' rkaptu jkun ikbar jew daqs l-għadd ta' jiem allokati għall-irkaptu regolat.

4.3 Bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li ma jkollu ebda kwota fiż-żona m'għandux ikun awtorizzat jistad fiż-żona b'irkaptu regolat, sakemm dak il-bastiment ma jingħatax kwota wara trasferiment kif permess skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u ma jiġix allokat jiem fuq il-baħar f'konformità mal-punt 10 jew il-punt 11 ta' dan l-Anness.

KAPITOLU III

Għadd ta' jiem ta' preżenza fiż-żona allokata lill-bastimenti tal-Unjoni

5. **Għadd massimu ta' jiem**

Matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, l-għadd massimu ta' jiem fuq il-baħar li Stat Membru jista' jawtorizza bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fihom fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat qed jingħata fit-Tabella I.

Tabella I

L-għadd massimu ta' jiem li bastiment jista' jkun preżenti f'żona skont l-irkaptu tas-sajd kull sena

Irkaptu regolat	Għadd massimu ta' jiem	
Xbieki tat-tkarkir bit-travu bid-daqs tal-malja ≥ 80 mm	BE	164
	FR	175
	UK	207
Xbieki statiċi b'daqs tal-malja ta' ≤ 220 mm	BE	164
	FR	178
	UK	164

▼B

6. **Sistema tal-jiem kilowatt**

6.1. Matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, Stat Membru jista' jimmaniġġa l-allokazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd tiegħu f'konformità ma' sistema tal-jiem kilowatt. Permezz ta' dik is-sistema, huwa jista' jawtorizza kwalunkwe bastiment ikkonċernat minn kwalunkwe rkaptu regolat kif stipulat fit-Tabella I biex ikun preżenti fiż-żona għal għadd massimu ta' jiem li jkun differenti minn dak stipulat f'dik it-Tabella, sakemm jiġi rrispettat l-ammont totali ta' jiem kilowatt li jikkorrispondi għall-irkaptu regolat.

6.2. Dan l-ammont totali ta' jiem kilowatt għandu jkun is-somma tal-isforzi tas-sajd individwali kollha allokati lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u li jikkwalifikaw għall-irkaptu regolat. Tali sforzi tas-sajd individwali għandhom jiġu kkalkulati f'jiem kilowatt billi l-qawwa tal-magna ta' kull bastiment tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' jiem fuq il-baħar li l-bastiment kien jibbenefika minnu skont it-Tabella I li kieku l-punt 6.1. ma ġiex applikat.

6.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom, għall-irkaptu rregolat kif stabbilit fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkoli bbażati fuq:

(a) il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati jistadu, billi jkun indikat in-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li matulhom kull bastiment inizjalment kien awtorizzat jistad skont it-Tabella I u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar li kull bastiment jibbenefika minnhom bl-applikazzjoni tal-punt 6.1.

6.4. Fuq il-bażi ta' dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt 6 ġewx issodisfatti u, fejn ikun applikabbli, tista' tawtorizza lil dak l-Istat Membru biex jibbenefika mis-sistema msemmija fil-punt 6.1.

7. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd**

7.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lill-Istati Membri għadd ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord kwalunkwe rkaptu regolat abbażi tal-waqfiet permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li jkunu seħħew mill-1 ta' Jannar 2004 'l quddiem jew f'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 jew mar-Regolament (KE) Nru 744/2008. Il-waqfiet permanenti li jirriżultaw minn kwalunkwe ċirkostanza oħra jistgħu jitqiesu mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' każ b'każ, wara talba bil-miktub u mmotivata kif xieraq mill-Istat Membru kkonċernat. It-tali talba bil-miktub għandha tidentifika l-bastimenti kkonċernati u tikkonferma, għal kull wieħed minnhom, li huma mhu se jwettqu qatt iktar attivitajiet tas-sajd.

7.2. L-isforz magħmul fl-2003 mill-bastimenti rtirati li jużaw raggruppament partikulari tal-irkaptu, imkejjel f'jiem kilowatt, għandu jiġi diviż bl-isforz magħmul matul l-2003 mill-bastimenti kollha li jużaw dak ir-raggruppament tal-irkaptu. L-għadd addizzjonali ta' jiem fuq il-baħar għandu mbagħad jiġi kkalkulat billi l-proporzjon miksub b'dan il-mod jiġi mmultiplikat bl-għadd ta' jiem li kienu se jiġu allokati skont it-Tabella I. Kwalunkwe parti minn jum li tirriżulta minn dak il-kalkolu għandha titqarreb għall-eqreb jum sħiħ.

7.3. Il-punti 7.1. u 7.2. ma għandhomx japplikaw f'każ li bastiment ikun ġie sostitwit skont il-punt 4.2., jew meta l-irtirar ikun diġà ntuża fis-snin preċedenti biex jinkisbu jiem addizzjonali fuq il-baħar.

▼B

7.4. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 7.1. għandu jressaq talba lill-Kummissjoni, sal-15 ta' Ġunju 2014, b'rapporti f'format elettroniku li jkun fihom, għar-raggruppament tal-irkaptu kif stipulat fit-Tabella I, id-dettalji tal-kalkolu bbażati fuq:

(a) il-listi tal-bastimenti rtirati bin-numru tagħhom tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) u l-qawwa tal-magni tagħhom;

(b) l-attività tas-sajd eżerċitata minn bastimenti bħal dawn fl-2003, ikkalkulata bħala jiem fuq il-baħar skont ir-raggruppament tal-irkaptu tas-sajd.

7.5. Abbażi ta' talba bħal din minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lil dak l-Istat Membru għadd ta' jiem addizzjonali għal dak imsemmi fil-punt 5 għal dak l-Istat Membru. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

7.6. Matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014, Stat Membru jista' jirrialloka dawk il-jiem addizzjonali fuq il-baħar lill-bastimenti kollha li jkun għad baqa' fil-flotta u li jikkwalifikaw għall-irkaptu regolat jew lil parti minnhom.

7.7. Kull għadd addizzjonali ta' jiem li jirriżulta minn waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd allokat mill-Kummissjoni għall-perijodu ta' ġestjoni tal-2013 għandu jkun inkluż fl-għadd massimu ta' ġranet għal kull Stat Membru muri fit-Tabella I u għandu jkun allokat lir-raggruppamenti tal-irkaptu fit-Tabella I. Dawn il-jiem addizzjonali għandhom ikunu soġġett għall-aġġustament fil-limiti massimi tal-ġranet fuq il-baħar li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għall-perijodu ta' ġestjoni tal-2014.

7.8. Permezz ta' deroga mill-punti 7.1 sa 7.5, il-Kummissjoni tista' b'mod eċċezzjonali tagħti lil Stat Membru allokazzjoni ta' jiem addizzjonali matul il-perijodu ta' ġestjoni tal-2014 abbażi tal-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd li jkun seħħ mill-1 ta' Frar 2004 sal-31 ta' Jannar 2013, u li ma kienx is-suġġett ta' talba li saret qabel għal jiem addizzjonali.

8. **Allokazzjoni ta' jiem addizzjonali biex titjieb il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi**

8.1. Il-Kummissjoni tista' talloka lil Stat Membru tlett ijiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona meta jkollu abbord xi rkaptu rregolat bejn l-1 ta' Frar 2014 u l-31 ta' Jannar 2015 abbażi ta' programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi bi sħab bejn ix-xjentisti u l-industrija tas-sajd. Programm bħal dan għandu jiffoka b'mod partikolari fuq il-livelli ta' skartar tal-ħut u fuq l-għamla tal-qabda u għandu jmur lil hinn mir-rekwiżiti dwar il-ġbir tad-data kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 199/2008 u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu għall-programmi nazzjonali.

8.2. L-osservaturi xjentifiċi għandhom ikunu indipendenti minn sid il-bastiment tas-sajd, mill-kaptan tiegħu u minn kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ.

8.3. Stat Membru li jixtieq jibbenefika mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punt 8.1. għandu jibgħat deskrizzjoni tal-programm imtejjeb tiegħu għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

8.4. Abbażi ta' dik id-deskrizzjoni, u wara li tikkonsulta lill-STECF, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lill-Istat Membru kkonċernat għadd ta' jiem addizzjonali għal dak imsemmi fil-punt 5 għal dak l-Istat Membru u għall-bastimenti, iż-żona u l-irkaptu kkonċernati mill-programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

▼B

8.5. Jekk programm imtejjeb għall-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi ppreżentat minn Stat Membru jkun ġie approvat mill-Kummissjoni fl-imgħoddi u l-Istat Membru kkonċernat ikun jixtieq ikompli japplikah mingħajr tibdil, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bit-tkomplija ta' dak il-programm erba' ġimgħat qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-programm.

KAPITOLU IV

Ġestjoni

9. **Obbligu ġenerali**

L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-isforz massimu permess skont l-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. **Perijodi ta' ġestjoni**

10.1. Stat Membru jista' jaqsam il-jiem preżenti fiż-żona stipulati fit-Tabella I f'perijodi ta' ġestjoni ta' xahar kalendarju jew aktar.

10.2. L-għadd ta' jiem jew sigħat li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona tul perijodu ta' ġestjoni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat.

10.3. Fejn Stat Membru jawtorizza l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu biex ikunu preżenti fiż-żona għal perijodi mogħtija f'sigħat, l-Istat Membru għandu jkompli jkejjel il-konsum ta' jiem kif speċifikat fil-punt 9. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri liema miżuri ta' prekawzjoni jkun ħa biex jevita li jkun hemm konsum eċċessiv tal-isforz fiż-żona minħabba l-fatt li bastiment ikun temm il-preżenza tiegħu fiż-żona qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 24 siegħa.

KAPITOLU V

Skambju tal-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd

11. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' stat membru wieħed**

11.1. Stat Membru jista' jippermetti kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu li jittrasferixxi l-jiem preżenti fiż-żona li jkunu ngħatawlu lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm l-ammont li jirriżulta meta l-jiem li bastiment jirċievi jiġu mmultiplikati bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (jiem kilowatt) ikun daqs l-ammont li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur mal-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts, jew ikun inqas minnu. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

11.2. L-ammont li jirriżulta meta l-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona ttrasferiti skont il-punt 11.1. jiġi mmultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur, f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur fiż-żona skont ir-rekords tiegħu, kif ivverifikati mill-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-2001, l-2002, l-2003, l-2004 u l-2005, immultiplikata bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts.

11.3. It-trasferiment ta' jiem kif deskritt fil-punt 11.1. għandu jitħalla jsir biss bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar it-trasferimenti li jkunu saru. Il-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija f'dan il-punt jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(2).

▼B

12. **Trasferiment ta' jiem bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' stati membri differenti**

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment ta' jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn il-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.2., 4.4., 5, 6 u 10 japplikaw *mutatis mutandis*. F'każ li l-Istati Membri jiddeċiedu li jawtorizzaw trasferiment bħal dan, qabel ma jsir dan it-trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni d-dettalji tat-trasferiment, inklużi l-għadd ta' jiem li għandu jiġi ttrasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn ikun applikabbli, il-kwoti tas-sajd marbutin magħhom.

KAPITOLU VI

Obbligi tar-rappurtar

13. **Rapport dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem bħala ż-żona speċifikata fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

14. **Ġbir tad-data rilevanti**

Abbażi tal-informazzjoni użata għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness, kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd totali magħmul fiż-żona għall-irkaptu rmunkat u għal dak statiku, l-isforz magħmul minn bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'jiem kilowatt.

15. **Komunikazzjoni tad-data rilevanti**

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni spreadsheet bid-data speċifikata fil-punt 14 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz tal-kaxxa postali elettronika adatt, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtulha wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-isforz allokat u kkunsmat li tkopri l-perijodi kollha ta' ġestjoni tal-2013 u l-2014, jew partijiet minnhom, billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Format tar-rappurtar tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena

Stat Membru	Irkaptu	Sena	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Format tad-data tal-informazzjoni dwar il-jiem kW skont is-sena

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		L-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-bastiment (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO)

▼B

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament (1) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bit-travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(3) Sena	4		Jew l-2006 jew l-2007 jew l-2008 jew l-2009 jew l-2010 jew l-2011 jew l-2012 jew l-2013 jew l-2014
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	L	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd użat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena rilevanti mogħti f'jiem kilowatt

(1) L-informazzjoni hi rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

Tabella IV

Format tar-rappurtar għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Rkaptu notifikat				Jiem eliġibbli għall-użu tal-irkaptu/i notifikat(i)				Jiem imqatta' bl-irkaptu/i notifikat(i)				Trasferiment ta' jiem
				Nru 1	Nru 2	Nru 3	…	Nru 1	Nru2-	Nru3-	…	Nrul-	Nru2-	Nru3-	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Format tad-data għall-informazzjoni relatata mal-bastimenti

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament (1) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		L-Istat Membru li fih huwa rreġistrat il-bastiment (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO)
(2) CFR	12		In-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi Alfa-3 tal-ISO) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (9 karattri). Meta serje għandha inqas minn 9 karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Immarkar estern	14	X	Skont ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	X	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur
(5) Irkapti notifikati	2	X	Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bit-travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm

▼B

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament (1) X(ellug)/L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(7) Kondizzjoni speċjali applikabbli għall-irkaptu/i notifikat(i)	3	X	L-għadd ta’ jiem li għalihom il-bastiment huwa eliġibbli skont l-Anness IIC għall-għażla ta’ rkaptu u t-tul tal-perijodu ta' ġestjoni notifikat
(8) Trasferiment ta' jiem	4	X	Għall-jiem ittrasferiti indika '– l-għadd ta' jiem ittrasferiti' u għall-jiem irċevuti indika '+ l-għadd ta' jiem ittrasferiti'

(1) L-informazzjoni hi rilevanti għat-trasmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

ANNESS IID

Iż-żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet IIa, IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES

Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fiż-żoni IIa, IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES stipulati fl-Anness IA, iż-żoni ta' ġestjoni li fih japplikaw limiti tal-qbid huma definiti kif jidher hawn taħt u fl-Appendiċi ta' dan l-Anness:

Żona ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell	Rettangoli statistiċi tal-ICES
1	31-34 E9-F2; 35 E9- F3; 36 E9-F4; 37 E9-F5; 38-40 F0-F5; 41 F5-F6
2	31-34 F3-F4; 35 F4-F6; 36 F5-F8; 37-40 F6-F8; 41 F7-F8
3	41 F1-F4; 42-43 F1-F9; 44 F1-G0; 45-46 F1-G1; 47 G0
4	38-40 E7-E9; 41-46 E6-F0
5	47-51 E6 + F0-F5; 52 E6-F5
6	41-43 G0-G3; 44 G1
7	47-51 E7-E9

▼B

Appendiċi 1 tal-Anness IID

ŻONI TA' ĠESTJONI TAĊ-ĊIĊĊIRELL



▼B

ANNESS III

L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-unjoni li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Żona tas-sajd	Sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd bejn l-Istati Membri	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fl-istess waqt
Ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan-Mayen	Għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
	Għall-ispeċijiet demersali, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
	Kavalli	Mhux rilevanti	Mhux rilevanti	Trid tiġi stabbilita (1)
	Għall-ispeċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62° 00′ N	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita

(1) Mingħajr preġudizzju għal-liċenzji addizzjonali mogħtijin lill-Isvezja min-Norveġja f'konformità mal-prattika stabbilita.

▼B

ANNESS IV

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT [1]

1. Għadd massimu ta' dgħajjes tal-lixka tal-Unjoni u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	60
Franza	8
L-Unjoni Ewropea	68

2. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kostali artiġjanali awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 ċm u t-30 kg/115 ċm fil-Mediterran

Spanja	119
Franza	87
L-Italja	30
Ċipru	7
Malta	28
L-Unjoni Ewropea	316

3. Għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115 cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' akkwakultura

Il-Kroazja	9
L-Italja	12
L-Unjoni Ewropea	21

4. L-għadd massimu u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw jew jiżbarkaw tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

Tabella A

Għadd ta' bastimenti tas-sajd [1]							
	Ċipru	Il-Greċja [2]	Il-Kroazja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta [3]
Bastimenti tas-sajd bil-purse seines	1	1	9	12	17	6	1
Bastimenti li jistadu bil-konzijiet	4 [4]	0	0	30	8	31	22
Dgħajsa tas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	8	60	0
Bix-xolfa tal-idejn	0	0	12	0	29	2	0
Bastiment tat-tkarkir	0	0	0	0	57	0	0

[1] In-numri li jidhru fit-taqsimiet 1, 2 u 3 jistgħu jonqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

▼B

Għadd ta' bastimenti tas-sajd (1)

	Ċipru	Il-Greċja (2)	Il-Kroazja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta (3)
Sajd artiġjanali ieħor (5)	0	16	0	0	87	32	0

(1) In-numri f'din it-Tabella A ta' taqsima 4 jistgħu jerġgħu jiżdiedu, sakemm l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni jkunu konformi magħhom.
(2) Bastiment tas-sajd wieħed bil-purse seine ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.
(3) Bastiment tas-sajd wieħed bil-purse seine ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.
(4) Polyvalent vessels, using multi-gear equipment.
(5) Bastimenti polivalenti, bl-użu ta' tagħmir multiplu (bil-konz, xolfa tal-idejn, rixa).

Tabella B

Kapaċità totali f'tunnellaġġ gross

	Ċipru	Il-Kroazja	Il-Greċja	L-Italja	Franza	Spanja	Malta
Bastimenti tas-sajd bil-purse seines	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Bastimenti li jistadu bil-konzijiet	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Dgħajjes bil-lixka	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Bix-xolfa tal-idejn	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Bastimenti tat-tkarkir	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Sajd artiġjanali ieħor	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita

5. Għadd massimu ta' nases awtorizzati għall-użu fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għas-sajd tat-tonn minn kull Stat Membru

	Għadd ta' nases
Spanja	5
L-Italja	6
Il-Portugall	1 (1)

(1) Dan in-numru jista' jerġa' jiżdied, sakemm ikun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

6. Il-kapaċità massima ta' kultivazzjoni u ta' tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu tal-ħut fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran

▼B

Tabella A

Kapaċità massima tal-kultivazzjoni u t-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms tal-ħut	Kapaċità (f'tunnellati)
Spanja	14	11 852
L-Italja	15	13 000
Il-Greċja	2	2 100
Ċipru	3	3 000
Il-Kroazja	7	7 880
Malta	8	12 300

Tabella B

Input massimu ta' tonn maqbud mis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Spanja	5 855
L-Italja	3 764
Il-Greċja	785
Ċipru	2 195
Il-Kroazja	2 947
Malta	8 768

▼B

ANNESS V

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

PARTI A

PROJBIZZJONI TA' SAJD DIRETT FIŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

Speċijiet fil-mira	Żona	Perijodu ta' projbizzjoni
Klieb il-baħar (l-ispeċijiet kollha)	Iż-Żona tal-Konvenzjoni	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
Notothenia rossii	FAO 48.1. L-Antartiku, fiż-Żona tal-Peniżola FAO 48.2. L-Antartiku, madwar South Orkneys FAO 48.3. L-Antartiku, madwar South Georgia	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
Ħut tal-pinen	FAO 48.1. L-Antartiku (1) FAO 48.2. L-Antartiku (1)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
Gobionotothen gibberifrons *Chaenocephalus aceratus* *Pseudochaenichthys georgianus* *Lepidonotothen squamifrons* *Patagonotothen guntheri* *Electrona carlsbergi* (1)	FAO 48.3.	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
Dissostichus spp.	FAO 48.5. L-Antartiku	Mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014
Dissostichus spp.	FAO 88.3. L-Antartiku (1) FAO 58.5.1. L-Antartiku (1) (2) FAO 58.5.2. L-Antartiku fil-Lvant ta' 79° 20′ E u barra ż-ŻEE lejn il-Punent ta' 79° 20′ E (1) FAO 58.4.4. L-Antartiku (1) (2) FAO 58.6. L-Antartiku (1) FAO 58.7. L-Antartiku (1)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
Lepidonotothen squamifrons	FAO 58.4.4. (1) (2)	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014
L-ispeċi kollha minbarra *Champsocephalus gunnari* u *Dissostichus eleginoides*	FAO 58.5.2. L-Antartiku	Mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014
Dissostichus mawsoni	FAO 48.4. L-Antartiku (1) fi ħdan iż-żona kkonfinata mil-latitudnijiet 55° 30′ S u 57° 20′ S u mil-lonġitudnijiet 25° 30′ W u 29° 30′ W	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014

(1) Ħlief għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.
(2) Minbarra l-ilmijiet soġġetti għal ġurisdizzjoni nazzjonali (ŻEE).

▼B

PARTI B

TACs U LIMITI TAL-QBID INĊIDENTALI GĦAL SAJD ESPLORATORJU FIŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR FL-2013/14

Subżona/ Diviżjoni	Reġjun	Staġun	SSRU	Limitu tal-qbid għal *Dissostichus* spp. (f'tunnellati)	Limitu tal-qbid inċidentali (f 'tunnellati) (1)		
					Rebekkini u Raj	*Macrourus* spp.	Speċijiet oħrajn
58.4.1.	Id-diviżjoni kollha	L-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014	SSRUs A, B and F: 0 SSRU D: SSRU C: 257 (2) 42 (2) SSRU E: 315 SSRU G: 68 (2) SSRU H: 42 (2)	Total 724	Id-diviżjoni Kollha: 50	Id-diviżjoni Kollha: 116	Id-diviżjoni Kollha: 20
58.4.2.	Id-diviżjoni kollha	L-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2014	SSRUs A, B, C u D: 0 SSRU E: 35	Total 35	Id-diviżjoni Kollha: 50	Id-diviżjoni Kollha: 20	Id-diviżjoni Kollha: 20
Iż-żoni 58.4.3a.	Id-diviżjoni kollha	Mill-1 ta' Mejju sat-31 ta' Awwissu 2014		Total 32	Id-diviżjoni Kollha: 50	Id-diviżjoni Kollha: 20	Id-diviżjoni Kollha: 20
88.1.	Is-subżona kollha	L-1 ta' Diċembru 2013 sat-31 ta' Awwissu 2014	SSRUs A, D, E, F u M: 0 SSRUs B, C u G: 397 SSRUs H, I u K: 2 247 SSRUs J u L: 357	Total 3 044	152 SSRUs A, D, E, F u M: 0 SSRUs B, C u G: 50 SSRUs H, I u K: 112 SSRUs J u L: 50	430 SSRUs A, D, E, F u M: 0 SSRUs B, C u G: 40 SSRUs H, I u K: 320 SSRUs J u L: 70	160 SSRUs A, D, E, F u M: 0 SSRUs B, C u G: 60 SSRUs H, I u K: 60 SSRUs J u L: 40
88.2.	Fin-Nofsinhar ta' 65° S	L-1 ta' Diċembru 2013 sat-31 ta' Awwissu 2014	SSRUs A, B u I: 0 SSRUs C, D, E, F u G: 124 SSRU H: 266	Total 390	50 SSRUs A, B u I: 0 SSRUs C, D, E, F u G: 50 SSRU H: 50	62 SSRUs A, B u I: 0 SSRUs C, D, E, F u G: 20 SSRU H: 42	20 SSRUs A, B u I: 0 SSRUs C, D, E, F u G: 100 SSRU H: 20

(1) Regoli għal-limiti ta' qbid għal speċijiet ta' qbid inċidentali għal kull SSRU, applikabbli fil-limiti totali ta' qbid inċidentali għal kull subżona:
— Rebekkini u rajji: 5 % tal-limitu tal-qbid għad-*Dissostichus* spp. jew 50 tunnellata, skont liema huwa l-ikbar;
— *Macrourus* spp.: 16 % tal-limitu tal-qbid għad-*Dissostichus* spp, jew 20 tunnellata, skont liema huwa l-ikbar, minbarra d-diviżjoni Statistika 58.4.3a u s-subżona Statistika 88.1;
— speċijiet oħra flimkien: 20 tunnellata għal kull SSRU.

(2) Inkluż limitu ta' qbid ta' 42 tunnellata li jippermetti lil Spanja twettaq esperiment ta' tnaqqis fl-2013/2014.

▼B

Appendiċi għall-Anness V, Parti B

LISTA TA' UNITAJIET TA' RIĊERKA FUQ SKALA ŻGĦIRA (SSRUs)

Reġjun	SSRU	Linja tal-fruntiera
48.6	A	Minn 50° S 20° W, lejn il-Lvant sa 1°30′ E, lejn in-Nofsinhar sa 60° S, lejn il-Punent sa 20° W, lejn it-Tramuntana sa 50° S.
	B	Minn 60° S 20 ° W, lejn il-Lvant sa 10 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 20 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 10° W, lejn il-Lvant sa lonġitudni 0°, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 10° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 60° S 0° lonġitudni, lejn il-Lvant sa 10° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa lonġitudni 0°, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	E	Minn 60° S 10° E, lejn il-Lvant sa 20° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 10° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	F	Minn 60° S 20° E, lejn il-Lvant sa 30° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 20° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	G	Minn 50° S 1° 30′ E, lejn il-Lvant sa 30° E, lejn in-Nofsinhar sa 60° S, lejn il-Punent sa 1° 30′ E, lejn it-Tramuntana sa 50° S.
58.4.1	A	Minn 55° S 86° E, lejn il-Lvant sa 150° E, lejn in-Nofsinhar sa 60° S, lejn il-Punent sa 86° E, lejn it-Tramuntana sa 55° S.
	B	Minn 60° S 86° E, lejn il-Lvant sa 90° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 80° E, lejn it-Tramuntana sa 64° S, lejn il-Lvant sa 86° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 90° E, lejn il-Lvant sa 100° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 90° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 60° S 100° E, lejn il-Lvant sa 110° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 100° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	E	Minn 60° S 110° E, lejn il-Lvant sa 120° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 110° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	F	Minn 60° S 120° E, lejn il-Lvant sa 130° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 120° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	G	Minn 60° S 130° E, lejn il-Lvant sa 140° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 130° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	H	Minn 60° S 140° E, lejn il-Lvant sa 150° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 140° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.

▼B

Reġjun	SSRU	Linja tal-fruntiera
58.4.2	A	Minn 62° S 30° E, lejn il-Lvant sa 40° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 30° E, lejn it-Tramuntana sa 62° S.
	B	Minn 62° S 40° E, lejn il-Lvant sa 50° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 40° E, lejn it-Tramuntana sa 62° S.
	C	Minn 62° S 50° E, lejn il-Lvant sa 60° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 50° E, lejn it-Tramuntana sa 62° S.
	D	Minn 62° S 60° E, lejn il-Lvant sa 70° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 60° E, lejn it-Tramuntana sa 62° S.
	E	Minn 62° S 70° E, il-Lvant sa 73° 10′ E, lejn in-Nofsinhar sa 64° S, lejn il-Lvant sa 80° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 70° E, lejn it-Tramuntana sa 62° S.
58.4.3a	A	Id-diviżjoni kollha, minn 56° S 60° E, lejn il-Lvant sa 73° 10′ E, lejn in-Nofsinhar sa 62° S, lejn il-Punent sa 60° E, lejn it-Tramuntana sa 56° S.
58.4.3b	A	Minn 56° S 73° 10′ E, lejn il-Lvant sa 79° E, lejn in-Nofsinhar sa 59° S, lejn il-Punent sa 73° 10′ E, lejn it-Tramuntana sa 56° S.
	B	Minn 60° S 73° 10′ E, lejn il-Lvant sa 86° E, lejn in-Nofsinhar sa 64° S, lejn il-Punent sa 73° 10′ E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 59° S 73° 10′ E, lejn il-Lvant sa 79° E, lejn in-Nofsinhar sa 60° S, lejn il-Punent sa 73° 10′ E, lejn it-Tramuntana sa 59° S.
	D	Minn 59° S 79° E, lejn il-Lvant sa 86° E, lejn in-Nofsinhar sa 60° S, lejn il-Punent sa 79° E, lejn it-Tramuntana sa 59° S.
	E	Minn 56° S 79° E, lejn il-Lvant sa 80° E, lejn it-Tramuntana sa 55° S, lejn il-Lvant sa 86° E, lejn in-Nofsinhar sa 59° S, lejn il-Punent sa 79° E, lejn it-Tramuntana sa 56°S.
58.4.4	A	Minn 51° S 40° E, lejn il-Lvant sa 42° E, lejn in-Nofsinhar sa 54° S, lejn il-Punent sa 40° E, lejn it-Tramuntana sa 51° S.
	B	Minn 51° S 42° E, lejn il-Lvant sa 46° E, lejn in-Nofsinhar sa 54° S, lejn il-Punent sa 42° E, lejn it-Tramuntana sa 51° S.
	C	Minn 51° S 46° E, lejn il-Lvant sa 50° E, lejn in-Nofsinhar sa 54° S, lejn il-Punent sa 46° E, lejn it-Tramuntana sa 51° S.
	D	Id-diviżjoni kollha minbarra l-SSRUs A, B, C u bil-fruntiera ta' barra minn 50° S 30° E, lejn il-Lvant sa 60° E, lejn in-Nofsinhar sa 62° S, lejn il-Punent sa 30° E, lejn it-Tramuntana sa 50° S.
58.6	A	Minn 45° S 40° E, lejn il-Lvant sa 44° E, lejn in-Nofsinhar sa 48° S, lejn il-Punent sa 40° E, lejn it-Tramuntana sa 45° S.

▼B

Reġjun	SSRU	Linja tal-fruntiera
	B	Minn 45° S 44° E, lejn il-Lvant sa 48° E, lejn in-Nofsinhar sa 48° S, lejn il-Punent sa 44° E, lejn it-Tramuntana sa 45° S.
	C	Minn 45° S 48° E, lejn il-Lvant sa 51° E, lejn in-Nofsinhar sa 48° S, lejn il-Punent sa 48° E, lejn it-Tramuntana sa 45° S.
	D	Minn 45° S 51° E, lejn il-Lvant sa 54° E, lejn in-Nofsinhar sa 48° S, lejn il-Punent sa 51° E, lejn it-Tramuntana sa 45° S.
58.7	A	Minn 45° S 37° E, lejn il-Lvant sa 40° E, lejn in-Nofsinhar sa 48° S, lejn il-Punent sa 37° E, lejn it-Tramuntana sa 45° S.
88.1	A	Minn 60° S 150° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 65° S, lejn il-Punent sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	B	Minn 60° S 170° E, lejn il-Lvant sa 179° E, lejn in-Nofsinhar sa 66°40′ S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 179° E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° W, lejn it-Tramuntana sa 66°40′ S, lejn il-Punent sa 179° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 65° S 150° E, lejn il-Lvant sa 160° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	E	Minn 65° S 160 °E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 68° 30′ S, lejn il-Punent sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	F	Minn 68° 30′ S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 68° 30′ S.
	G	Minn 66° 40′ S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° 50′ E, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 66° 40′ S.
	H	Minn 70° 50′ S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50′ E, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	I	Minn 70° S 178° 50′ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sa 178° 50′ E, lejn it-Tramuntana sa 70° S.
	J	Minn 73° S mal-kosta qrib 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50′ E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.
	K	Minn 73° S 178° 50′ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 76° S, lejn il-Punent sa 178° 50′ E, lejn it-Tramuntana sa 73° S.
	X	Minn 76° S 178° 50′ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 178° 50′ E, lejn it-Tramuntana sa 76° S.

▼B

Reġjun	SSRU	Linja tal-fruntiera
	M	Minn 73° S mal-kosta qrib 169° 30′ E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent mal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.
88.2	A	Minn 60° S 170 ° W, lejn il-Lvant sa 160 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 170 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	B	Minn 60° S 160 ° W, lejn il-Lvant sa 150 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 70° 50′ S 150° W, lejn il-Lvant sa 140° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	D	Minn 70° 50′ S 140° W, lejn il-Lvant sa 130° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 140° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	E	Minn 70° 50′ S 130° W, lejn il-Lvant sa 120° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 130° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	F	Minn 70° 50′ S 120° W, lejn il-Lvant sa 110° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 120° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	G	Minn 70° 50′ S 110° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 110° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	H	Minn 65° S 150° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° 50′ S, lejn il-Punent sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	I	Minn 60° S 150° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sa 65° S, lejn il-Punent sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
88.3	A	Minn 60° S 105 ° W, lejn il-Lvant sa 95 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 105 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	B	Minn 60° S 95 ° W, lejn il-Lvant sa 85 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 95 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 85 ° W, lejn il-Lvant sa 75 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 85 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 60° S 75 ° W, lejn il-Lvant sa 70 ° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 75 ° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S.

▼B

PARTI C

ANNESS 21-03/A

IN-NOTIFIKA TA' INTENZJONI TA' PARTEĊIPAZZJONI F'SAJD GĦAL *EUPHAUSIA SUPERBA*

Informazzjoni ġenerali

Membru: _____

Staġun tas-sajd: _____

Isem il-bastiment: _____

Livell ta' qabda mistenni (f'tunnellati): _____

Subżoni u diviżjonijiet maħsuba għas-sajd

Din il-miżura ta' konservazzjoni tapplika għan-notifiki ta' intenzjoni għas-sajd għall-kriss fis-subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 u d-diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2. Intenzjonijiet għas-sajd għall-krill f'subżoni u diviżjonijiet oħra għandhom jiġu nnotifikati taħt il-Miżura ta' Konservazzjoni 21-02.

Subżona/Diviżjoni	Immarka l-kaxxi adatti
48.1	☐
48.2	☐
48.3	☐
48.4	☐
58.4.1	☐
58.4.2	☐

Teknika tas-sajd: Immarka l-kaxxi adatti

☐ Tkarkir konvenzjonali

☐ Sistema kontinwa ta' sajd

☐ Ippompjar biex titbattal il-manka

☐ Metodu ieħor: Jekk jogħġbok speċifika

Tipi ta' prodotti u metodi għal stimi diretti tal-piż aħdar tal-krill maqbud

Tip ta' prodott	Metodu għall-istima diretta tal-piż aħdar tal-krill maqbud, fejn rilevanti (irreferi għal Anness 21-03/B) [1]
Friżat sħiħ	
Mgħolli	
Għalf	
Żejt	
Prodotti oħrajn, jekk jogħġbok speċifika	

[1] Jekk il-metodu mhux elenkat fl-Anness 21-03/B, jekk jogħġbok iddeskrivi fid-dettall

▼B

Konfigurazzjoni tax-xibka

Kejl tax-xibka	Xibka 1		Xibka 2		Xbieki oħra	
Ċirkonferenza tal-ftuħ tax-xibka (bokka)						
Ftuħ vertikali massimu (m)						
Ftuħ orizzontali massimu (m)						
Ċirkonferenza tax-xibka fil-bokka ([1]) (m)						
Erja tal-bokka (m^2)						
Daqs medju tal-malja tal-pannell ([3]) (mm)	Ta' barra ([2])	Ta' ġewwa ([2])	Ta' barra ([2])	Ta' ġewwa ([2])	Ta' barra ([2])	Ta' ġewwa ([2])
L-ewwel pannell						
It-tieni pannell						
It-tielet pannell						
…						
Il-pannell tal-aħħar (tal-Manka)						

([1]) Mistenni fil-kondizzjonijiet operattivi.
([2]) Daqs tal-malja tal-pannell ta' barra, u tal-malja tal-pannell ta' ġewwa fejn tintuża inforra.
([3]) Kejl ta' ġewwa tal-malja miġbuda bbażat fuq il-proċedura tal-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01.

Dijagramma(i) tax-xbieki: _____

Għal kull xibka użata, jew kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tax-xbieki, irreferi għad-dijagramma tax-xbieki rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ippreżenta dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM. Dijagrammi tax-xbieki għandhom jinkludu:

1. *It-tul u l-wisa' ta' kull pannella tat-tkarkir (f'biżżejjed dettall li jippermetti l-kalkolu tal-angolu ta' kull pannella fir-rigward tat-traffiku tal-ilma.)*

2. *Id-daqs tal-malja (il-qies minn ġewwa tal-malja miġbuda bbażat fuq il-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01), il-forma (eż. forma ta' djamant) u l-materjal (eż. poliptopilene).*

3. *In-nisġa tal-malja (eż. b'għoqiedi, imdewba).*

4. *Dettalji tan-naffari użati fix-xbieki tat-tkarkir (disinn, post fuq il-pannelli, indika 'nil' jekk mhux użati naffari); in-naffari jipprevjenu lill-krill milli jagħmel ħsara lill-malja jew jaħrab.*

Apparat li jeskludi mammiferi marini

Dijagramma/i tal-apparat: _____

Għal kull tip ta' apparat użat, jew kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tal-apparat, irreferi għad-dijagramma rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ippreżenta dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM.

▼B

Ġbir ta' data akustika

Għoti ta' informazzjoni dwar echosounders u sonars użati mill-bastiment.

Tip (eż. echo-sounder, sonar)			
Manifattur			
Mudell			
Frekwenzi transd-juser (kHz)			

Ġbir ta' data akustika (deskrizzjoni dettaljata): _____

Deskrizzjoni tal-passi li ser jittieħdu biex tinġabar id-data akustika biex tingħata informazzjoni dwar id-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-Euphausia superba *u speċijiet pelaġiċi oħra bħall-myctophiids u s-salps (SC-CAMLR-XXX, paragrafu 2.10).*

ANNESS 21-03/B

LINJI GWIDA GĦALL-ISTIMA TAL-PIŻ AĦDAR TAL-KRILL MAQBUD

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tat-tank tal-ħażna	$W*L*H*\rho*1\ 000$	W = wisa' tat-tank	Kostant	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		L = tul tat-tank	Kostant	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = densità tal-kampjun	Varjabbli	Konverżjoni mill-volum għall-massa	kg/litru
		H = fond tal-krill fit-tank	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m
Apparat li jkejjel il-fluss	$V*F_{krill}*\rho$	V = volum tal-krill u l-ilma f'daqqa	Speċifiku ([1]) għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	litru
		F_{krill} = frazzjoni tal-krill fil-kampjun	Speċifiku ([1]) għar-refgħa	Korrezzjoni tal-volum tal-apparat li jkejjel il-flus	—
		ρ = densità tal-krill fil-kampjun	Varjabbli	Konverżjoni mill-volum għall-massa	kg/litru
Skala tal-flussi	$M*(1–F)$	M = massa tal-krill u l-ilma f'daqqa	Speċifiku ([2]) għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		F = frazzjoni tal-ilma fil-kampjun	Varjabbli	Korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi	—
		M_{trej} = massa tat-trej vojt	Kostant	Osservazzjoni diretta qabel is-sajd	kg

▼B

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Plate trej	$(M–M_{tray})*N$	M = massa tal-krill u t-trej f'daqqa	Varjabbli	Osservazzjoni diretta, qabel l-iffriżar, bl-ilma mneħħi	kg
		N = numru ta' trejs	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	—
Konverżjoni għall-għalf	$M_{meal}*MCF$	Mmeal = massa ta' għalf prodott	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		MCF = fattur ta' konverżjoni għall-għalf	Varjabbli	Konverżjoni ta' għalf għal krill sħiħ	—
Volum tal-manka	$W*H*L*\rho*\pi/4*1\ 000$	W = wisa' tal-manka	Kostant	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		H = Għoli tal-manka	Kostant	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = densità tal-kampjun	Varjabbli	Konverżjoni mill-volum għall-massa	kg/litru
		L = tul tal-manka	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m
Oħrajn	*Jekk jogħġbok speċifika*				

([1]) Refgħa individwali fl-użu ta' xibka tat-tkarkir konvenzjonali, jew refgħa integrata fuq perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.
([2]) Refgħa individwali fl-użu ta' xibka tat-tkarkir konvenzjonali, jew perijodu ta' sagħtejn meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

Passi u frekwenza ta' osservazzjoni

Volum tat-tank tal-ħażna

Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u t-tul tat-tank tal-ħażna (jekk it-tank mhux f'forma rettangolari, kejl addizzjonali jista' jkun meħtieġ; preċiżjoni ±0.05 m)
Kull xahar ([1])	Istma l-konverżjoni mill-volum għall-massa ġejja mill-massa tal-krill mingħajr ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mit-tank tal-ħażna
Kull refgħa	Kejjel il-fond tal-krill fit-tank (jekk il-krill jinżamm fit-tank bejn ir-refgħat, mela kejjel id-differenza fil-fond; preċiżjoni ±0.01 m)
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)

Apparat li jkejjel il-fluss

Qabel is-sajd	Kun ċert li l-apparat li jkejjel il-fluss qed ikejjel il-krill kollu (jiġifieri qabel l-ipproċessar)
Kull xahar1 ([1])	Istma l-konverżjoni mill-volum għall-massa (ρ) ġejja mill-massa tal-krill mingħajr ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-apparat li jkejjel il-fluss
Kull refgħa2 ([2])	Ikseb kampjum wieħed mill-apparat li jkejjel il-fluss u:
	kejjel il-volum (eż. 10 litri) tal-krill u l-ilma f'daqqa

▼B

	istma l-korrezzjoni tal-volum tal-apparat li jkejjel il-fluss miġjuba mill-volum tal-krill mingħajr ilma
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)
Skala tal-flussi	
Qabel is-sajd	Kun ċert li l-iskala tal-flussi qed tkejjel il-krill kollu (jiġifieri qabel l-ipproċessar)
Kull refgħa2 ([2])	Ikseb kampjum mill-iskala tal-flussi u:
	kejjel il-massa tal-krill u l-ilma f'daqqa
	istma l-korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi miġjuba mill-volum tal-krill mingħajr ilma
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)
Plate trej	
Qabel is-sajd	Kejjel il-massa tat-trej (jekk it-trej ivarja fid-disinn, kejjel il-massa ta' kull tip; preċiżjoni ±0.1 kg)
Kull refgħa	Kejjel il-massa tal-krill u t-tray f'daqqa (preċiżjoni ±0.1 kg)
	Għodd in-numru ta' trejs użati (jekk it-trejs ivarjaw fid-disinn, għodd in-numru ta' trejs ta' kull tip)
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)
Konverżjoni għall-għalf	
Kull xahar1 ([1])	Istma l-konverżjoni mill-għalf għal krill sħiħ bl-ipproċessar ta' bejn 1 000 sa 5 000 kg (massa mingħajr ilma) ta' krill sħiħ
Kull refgħa	Kejjel il-massa ta' għalf prodott
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)
Volum tal-manka	
Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u l-għoli tal-manka (preċiżjoni ±0.1 m)
Kull xahar1 ([1])	Istma l-konverżjoni mill-volum għall-massa ġejja mill-massa tal-krill mingħajr ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-manka
Kull refgħa	Kejjel it-tul tal-manka li fiha l-krill (preċiżjoni ±0.1 m)
	Istma l-piż aħdar tal-krill maqbud (bl-użu ta' ekwazzjoni)

([1]) Kejjel tal-inqas kull xahar (aktar frekwenti jekk fattibbli); perijodu ta' kull xahar ġdid jibda meta l-bastiment jimxi lejn subżona jew diviżjoni ġdida.

([2]) Refgħa individwali fl-użu ta' xibka tat-tkarkir konvenzjonali, jew refgħa integrata fuq perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

▼B

ANNESS VI

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	22	61 364
Franza	22	33 604
Il-Portugall	5	1 627
L-Unjoni Ewropea	49	96 595

2. Għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	27	11 590
Franza	41	5 382
Il-Portugall	15	6 925
Ir-Renju Unit	4	1 400
L-Unjoni Ewropea	87	25 297

3. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 1 għandhom ukoll jiġu awtorizzati jistadu għall-pixxispad u l-alonga fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC.

4. Il-bastimenti msemmijin fil-punt 2 għandhom ukoll jiġu awtorizzati jistadu għat-tonnijiet tropikali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC.

▼B

ANNESS VII

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	14
L-Unjoni Ewropea	14

▼B

ANNESS VIII

IL-LIMITU KWANTITATTIV TAL-AWRORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI-TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-Bandiera	Sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fl-istess waqt
In-Norveġja	Għall-aringi fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	Trid tiġi stabbilita	Trid tiġi stabbilita
Il-Venezwela ([1])	Għas-snappers (l-ilmijiet tal-Gujana Franċiża)	45	45

([1]) Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, għandha tiġi prodotta prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Gujana Franċiża u li dan jinkludi obbligu tal-iżbark ta' mill-inqas 75 % tal-qabdiet kollha ta' snapper mill-bastiment ikkonċernat f'dak id-dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. Tali kuntratt għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li hu konsistenti kemm mal-kapaċità proprja tal-impriża tal-ipproċessar kontraenti kif ukoll mal-objettivi għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Gujana. Kopja tal-kuntratt debitament approvata għandha tiġi annessa mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd. F'każ li tali approvazzjoni tiġi rifjutata, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni dwar dan ir-rifjut u jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan.